
Il-Fjuri ta' Madwarek,
Jixhdu li int Sultana;
Jixhdu l-Imħabba Tiegħek,
Jixhdu l-Imħabba Tagħna.
A.Cuschieri,O.Carm.

# ELBROS
## CONSTRUCTION LTD

The Company with a Successful track record evidenced by the execution of prestigious and complex projects. Completed projects include the Oiltanking Terminal Phase 1 with a total storage capacity of 175,000 cubic metres; Pembroke Reverse Osmosis Plant - which will be the largest of its kind in the world - yielding 150 ,000 cubic metres of potable water daily, when fully operational; and all the roadworks in the vicinity of the new Air Terminal.

Projects in the execution process include the construction of a distinctive block - The Park Towers incorporating a two storey car park, retail outlets, offices and apartments in a prime touristic area of Malta, a multi-storey car park at the entrance to Valletta and an office block for one of Malta's leading banking institutions.

Through the award of these contracts, Elbros Construction Ltd has established a strong foothold in the public as well as in the private sectors. The Company feels confident that its success story will be strengthened through the execution of the other major projects within the foreseeable future.



Roads leading to the New Air Terminal




Construction work at the Park Towers

**ELBROS**
**CONSTRUCTION LTD**


**Building and Civil Engineering Contractors**
**Kirkop, Malta.**
**Tel: (356) 249999 (6 Lines)**
**Fax: (356 685075**


*The new strength in Construction*

**Member of the**
**EBCON**
**Group of Companies**

**MAĦRUĠ MIS-SOĊJETA'**
**SANTA MARIJA u**
**BANDA RE ĠORĠ V**

**"PALAZZ SANTA MARIJA",**
**PJAZZA TAL-PARROĊĊA,**
**MQABBA.**

**FL-OKKAŻJONI TAL-FESTA**
**TITULARI TA'**
# SANTA MARIJA
**PATRUNA TAR-RAĦAL**

**MIT-30 TA' LULJU SAT-22**
**T'AWISSU, 1993.**

**Artikolisti:**
Dun Joe Bartolo
Carmel Żahra
Peter Psaila
Carmel Briffa
Patri J.M. Ghigo
Adrian Żahra
Raymond Camilleri
Anthony Terribile
Alfred Camilleri
Anthony Camilleri
Ġino Farruġia
Carmen Briffa
Keith Sciberras
John Żammit
Patrick Ghigo

## WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| Programm tal-Festi interni u esterni | Pg. | 46-47 |
| Il-Kumitat Eżekuttiv | | 3 |
| Il-Kelma tal-Kappillan | | 5 |
| Il-Messaġġ tal-President | | 7 |
| Jikteb is-Segretarju | | 9 |
| Appell mill-Kaxxier | | 11 |
| Mill-Pinna tad-Direttur Spiritwali | | 13 |
| Mill-Ħajja tal-Banda | | 15 |
| Programm Strumentali, 11/8/93 | | 17 |
| Tagħrif ġenerali fuq is-siltiet Mużikali | | 19-21 |
| L-Isqof De Bussan iżur l-Imqabba | | 23-27 |
| L-Artali Laterali f'Santa Marija | | 24-25 |
| Nifirħu lil Mro. A. Camilleri | | 29 |
| Ir-Raħal ta' l-Imqabba | | 31-33 |
| It-12 t'Awissu, 1992 | | 35-37-39 |
| Wirt is-Surmastrijiet | | 41-43-45 |
| It-Tifkira tal-Konvoy ta' Santa Marija | | 48-49-51-53 |
| Tchaikovsky u Greig - Anniversarji | | 55-57 |
| Programm tal-Ħruq tan-Nar | | 59 |
| Il-Planċier Artistiku | | 61-63 |
| Poeżija - Lil Ommna Marija | | 65 |
| L-inkwadru ta' l-Inkoronazzjoni | | 67 |
| Il-Knejjes Parrokkjali u l-Festi tagħhom | | 68-69 |
| Rapport mill-Kummissjoni Armar | | 71-73 |
| Servizzi tal-Banda Re Ġorġ V - 1993 | | 75 |
| Rendikont tal-Festa fil-Knisja - 1992 | | 76 |
| Poeżija - Ersaq ħdejja ħa ngħidlek kelma Marija | | 79 |
| Sett ta' Marċi mill-banda Re Ġorġ V | | 81 |
| Sehem il-Baned Mistiedna (1) "M.M. Gratiae", Żabbar | | 83 |
| Sehem il-Baned Mistiedna (2) "12th May", Żebbuġ | | 85 |
| Sehem il-Baned Mistiedna (3) "Anici" Qormi | | 87 |
| Sehem il-Baned Mistiedna (4) "Queen Victoria", Żurrieq | | 89 |
| Attivitajiet oħra Soċjali u Sportivi | | 91 |
| Ringrazzjamenti | | 92 |



**RITRATT TAL-FAĊĊATA - CHARLIE BEŻŻINA**
**KWOTAZZJONI TAL-FAĊĊATA TA' PATRI ANASTASJU CUSCHIERI O. CARM**
**PROOF READING MIS-SUR ALFRED CAMILLERI.**

**EDITUR: IS-SUR CARMEL BRIFFA**

**ISSETJAT U MITBUGĦ GĦAND**
**BONNIĊI'S PRESS, 36, ST. PAUL STR., VALLETTA - TEL: 224607**

# *KRISTIANNE*

## *SHOPPING COMPLEX*

Gifts ~ Boutique
Baby Care ~ Beauty Centre

*Offers also:*
*Facial Treatment, Waxing, Occasion Make up, Manicure, Pedicure, Eyebrow Shaping, Slimming Treatments, Electrolysis by a Beauty Specialist.*

*PIETRU PAWL SAYDON STREET - ŻURRIEQ*

---

**Stationery - Haberdashery**
**Invitations and Souveniers**
**for all occasions**

*5 Mattia Preti Square - Żurrieq*
*Tel: 827391- 683408*

## *SOĊJETA' SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V*
## *MQABBA - EST. 1910*

**PRESIDENTI ONORARJI**
Onor. Dr. Louis Galea, B.A., LL.D., M.P.
Mr. Joseph Farruġia
Mr. Leonard Farruġia.

**KUMITAT EŻEKUTTIV 1993**



**(Ritratt tal-Kumitat Eżekuttiv mal-E.T. Dr. Ċensu Tabone,is-Sinjura tiegħu u l-Vigarju Ġenerali Emeritus.)**
Mix-xellug: Adrian Żahra, Raymond Camilleri, Carmel Ellul, Mro. Anthony Camilleri, Carmel Briffa, Peter Psaila, is-Sinjura Tabone u l-E.T. President ta' Malta, Carmel Żahra, Mons. Carmelo Xuereb, Teddy Baldacchino, Kevin Camilleri, Ġino Farruġia, u Paul Gauċi.

**PRESIDENT**
Carmel Żahra
**VIĊI-PRESIDENT**
Anthony Camilleri, B. Mech. Eng. (Hons), L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M.

**SEGRETARJU**
Peter Psaila

**KAXXIER**
Carmel Briffa

**ASST. SEGRETARJU**
Carmel Ellul

**ASST. KAXXIER**
Raymond Camilleri B.Sc

**MEMBRI**
Teddy Baldacchino
Kevin Camilleri
Ġino Farruġia
Paul Gauċi
Adrian Żahra

**DIRETTUR SPIRITWALI**
Patri Joseph Ghigo S.J.
**SURMAST DIRETTUR TAL-BANDA**
Mro. A. Camilleri, L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M.
**KUMMISSJONI BANDA**
Raymond Camilleri
Kevin Camilleri
Adrian Żahra
Mark Żammit
**RAPPREŻENTANT FIL-"BAND CLUBS ASSOCIATION"**
Carmel Briffa

**DELEGAT TAN-NAR**
Carmel Ellul

**REVIŻURI**
Mario Farruġia
Francis Vella

# IL-ĦAMS

Prop. Michael Tanti



GĦALL-TRASPORT TA' KULL XORTA TA' MATERJAL GĦALL-BINI, BRICKS, XIBKA U ĠEBEL,TORBA, RAMEL, ŻRAR, XAĦX GĦAL TAĦT IL-MADUM U SIMENT, TRUCK BIL-"HI-UP"

"MICO"
TRIQ IL-KILEB, MQABBA.
TELEPHONE: 685729 - MOBILE: 099 4128

# GOLIATH DEVELOPMENTS LTD.

38, VALLETTA ROAD,
MQABBA.

## XOGĦOL TA' ALTERAZZJONI, TWAQQIEGĦ TA' BINI U KULL XOGĦOL IEĦOR.

TELEPHONE: 683369
TELECELL: 099 4901 - 099 4902

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN



Il-Papa Piju XII fl-1 ta' Novembru 1950, ħareġ kostituzzjoni Appostolika bl-isem ta' "MUNIFICETISSIMUS DEUS". F'din il-kostituzzjoni ddikjara solennement bħala domma tal-fidi li "l-Immakulata Omm Alla u dejjem Verġni Marija, wara li temmet il-kors tal-ħajja tagħha fid-dinja, ġiet meħuda fil-glorja tas-sema, bir-ruħ u l-ġisem."

Din il-verita m'hijiex xi ħaġa vvintata mill-Papa, imma huwa dak li għal sekli sħaħ kien it-twemmin u t-tradizzjoni tal-insara. Fil-fatt, il-verita li l-Verġni Mqaddsa ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, insibu xhieda tagħha sa mis-sekli bikrin, fl-istorja tal-Knisja. Imma fuq kollox, l-Assunzjoni tal-Madonna huwa konsegwenza naturali ta' dak li kienet u għexet il-Madonna. Il-ħajja qaddisa tal-grazzja twassal għall-glorja fil-ħajja ta' dejjem. Għalhekk, wara mewtha, l-Madonna daħlet fil-Ġenna, biex tgawdi għall-dejjem **il-milja tal-grazzja u tal-glorja.**

Iżda din il-glorja żejnet mhux biss ir-ruħ imqaddsa ta' Sidtna Marija, imma wkoll il-ġisem purissimu tagħha. Għad li ġarrab il-mewt, ġisimha, bi privileġġ speċjali, kien meħlus mit-taħsir tal-qabar, imqajjem minn bejn l-imwiet u meħud fis-sema bil-qawwa tal-Mulej Alla.

Fil-Vanġelu ta' San Luqa nsibu lil Elizabetta ssellem lil Marija "imbierka fost in-nisa" (Luqa 1,42) u hija nfisha stqarret fil-għanja tal-Magnificat li "Kull nisel isejjaħli ħienja" (Luqa 1,48). Dan ifisser li hija ġiet meħlusa minn kull għamla ta' saħta li tolqot lill-bnedmin. Minħabba t-tnissil bla tebgħa tagħha ġiet meħlusa mis-saħta tad-dnub u tal-konsegwenzi tiegħu. Minħabba l-verġinita tagħha, baqgħet safja u bla mittiefsa fil-ġisem tagħha meta nisslet u tat il-ħajja lill-Iben Divin tagħha. Kien jixraq ukoll li ġisimha jiġi meħlus mis-saħta u mill-kastig tat-taħsir fil-qabar, billi jiġi mqajjem mil-mewt u meħud fis-sema, minflok li jibqa' jistenna l-qawmien ta' l-aħħar jum bħal dak tal-bnedmin l-oħra.

Dan il-miraklu kien ukoll konsegwenza tal-predilezzjoni u tal-għożża li kellu Kristu lejn l-Imqaddsa Verġni Marija. Kif l-Iben t'Alla, bi grazzja l-iktar speċjali, ħeles lir-ruħ tal-Omm tiegħu mid-dnub oriġinali, wara mewtha, ħeles il-ġisem tagħha mit-tmermir tal-qabar u seħibha miegħu fil-glorja tal-qawmien. B'hekk Marija saret l-ewlenija fost dawk li flimkien ma' Kristu jġibu rebħa fuq il-mewt.

Għalhekk għeżież imqabbin, tassew għandna għax nifirħu u nfaħħru 'l Alla għall-ġmiel u l-glorja li bihom għoġbu jżejjen lill-Madonna. Imma rridu niftakru li din il-Madonna hija wkoll Ommna, u għalhekk il-ferħ tagħna huwa ikbar għax dawn il-grazzji u privileġġi ingħataw lil Ommna stess. Jonqos biss li lil din l-Omm glorjuża nżommuha b'ġieh. Ikun tassew għajb għalina, aħna li nippretendu li aħna wliedha, jekk bi kliemna u b'għemilna naslu biex inwaqqgħulha ġieha. Il-Madonna mhux artifiċjalita' tħobb, imma l-onesta' u l-verita'. Dejjem hekk għexet hi, u bħala omm, **tgħallem u tixtieq li wliedha jobduha u jagħmlu bħalha**. Dan ikun l-akbar ferħ li nistgħu nagħtu lill-Omm tagħna Marija fil-Festa tagħha.

***Fr. Joe Bartolo - Kappillan.***

# NAXOS TYRE CENTRE

ST. THOMAS STR, LUQA.
TELEPHONE: 661138 - MOBILE: 099 4682

K.N. ALLOY WHEELS - BATTERY SERVICE - TYRES
WHEEL BALANCING - PUNCTURE REPAIRS - ACCESSORIES.

# JOE'S CRANE & COMPRESSOR HIRE



"SPRINGVALE" TRIQ IL-GILJU, MQABBA.
TELEPHONE: 689653 - MOBILE: 099 5354

# KATIE'S BEST BUY

90, ST. BASIL STREET, MQABBA.

(Wara l-Knisja)

"IL-FESTA T-TAJBA"
to all our Customers from
RICK and KATIE

# MESSAĠĠ TAL-PRESIDENT



Ħadd wara Ħadd tasal ta' kulħadd. Hekk jgħid il-Malti u hekk hu għax ninsabu ftit ġimgħat biss mill-festa tant għażiża għalina, u li għaliha, jien u l-kumitat tiegħi qegħdin nerġgħu nagħmlu ħilitna kollha biex tkun suċċess bħal ta' qabilha. Is-sena 1992 ser tibqa' minquxa fi qlubna bħalha waħda mill-aqwa u mill-isbaħ snin għas-Soċjeta' tagħna, l-ewwel u qabel kollox minħabba l-Festa kbira li biha fakkarna l-miraklu tal-Konvoj ta' Santa Marija. Bis-sinċerita' kollha, iżda b'wiċċi minn quddiem, nistqarr magħkom li għadni niltaqa' sew ma nies mir-raħal tagħna kif ukoll barranin u mingħajr tlaqlieq jgħiduli x'Festa organiżżajna s-sena l-oħra. Kulħadd jiftakar il-ġurnata tat-30 ta' Lulju 1992, dik is-serata memorabbli meta fakkarna din il-ġrajja u inawgurajna l-pittura tal-Konvoj ta' Santa Marija, sponsorjata mill-aħwa Michael u John Ghigo (ta' Pataw) u l-pedestall ta' taħt Santa Marija, li bħal l-iskultura l-oħra ta' fuq il-faċċata majestuża tal-każin tagħna, ġiet sponsorjata mill-aħwa Ellul (ta' Katrinu), lil dawn il-familji ma nixba' qatt nirringrazzjahom. Il-każin komplejna nsebbħuh b'tarag tal-granit, u b'poġġamann kif jixraq, biex ma nsemmix ħafna xogħol strutturali ieħor u li sar bl-għajnuna wkoll ta' ħafna soċji, partitarji u benefatturi, li minn dil-paġna nerġa' nirringrazzjahom. L-1992 kienet sena storika għalina għax iltqajna' mal-familja Rjali, għax ospitajna l-piloti tar-*Red Arrows*, għax konna l-unika soċjeta' fl-Imqabba li fakkarna l-mejtin Imqabbin tat-tieni gwerra dinjija, għax konna l-unika Soċjeta' fil-gżejjer Maltin li fakkarna bid-daqq tas-serena u bl-*air raid simulation* ta' nhar il-Festa li dak kollu li konna qed nagħmlu kien b'tifkira ta' ġrajja li ttrasformat in-niket ta' poplu għall-ferħ liema bħalu mad-daħla tal-Konvoj.

Wara li tajt l-impressjonijiet tiegħi fuq il-festa li għaddiet, niġi issa biex nitkellem fuq is-sena ħidma li flimkien wettaqna biex norganiżżaw il-Festa 1993. Iż-żmien jgħallmek u l-ewwel novita' għall-festa ta' din is-sena ser tkun ir-rivoluzzjoni sħiħa li se nwettqu fir-rigward tal-baned li jagħtu l-kontribut tagħhom lejliet u nhar il-festa. Minbarra li għandna żewġ baned ġodda, b'esperiment ser nibdlu wkoll ir-rotot tas-soltu, u dan biex inkomplu nkabbru l-festa;, nisperaw biss li kollox imur kif maħsub. Seħibna Pawlu Gauċi u l-grupp ta' l-armar li jmexxi ser ikomplu jagħtuna l-frott ta' ħidmiethom b'sett pavaljuni għat-triq tan-nofs. Komplew ukoll jirrestawraw l-armar u bdew sett pavaljuni ieħor għal Triq Santa Katarina. Lil dawn iż-żgħażagħ tagħna nkomlu nagħmlulhom kuraġġ għax kull ma jgħaddi ż-żmien, dejjem qed jipperfezzjonaw f'xogħolhom. Pedina oħra importanti fil-festa tagħna hi s-sehem tal-banda, li taħt it-tmexxija għaqlija ta' żgħażugħ ieħor wild is-soċjeta' tagħna Mro. Twanny Camilleri qed kull ma jmur tissaħħaħ u tkabbar isimha u tas-soċjeta' tagħna. Ħaqqhom prosit ukoll il-bandisti kollha tal-post għas-sagrifiċċji kbar li jagħmlu matul is-sena kunċerti, kif ukoll għas-sehem fis-servizzi kollha li l-banda jkollha f'raħalna u barra minn raħalna. Biex minn daqs dawk festi ta' Santa Marija, jkollok il-maġġoranza taddilettanti tan-Nar b'għajnejhom ippuntati lejn l-Imqabba, taqblu miegħi li huwa altru minn konferma li xogħol in-nies tagħna huwa uniku u ta' l-għola livell. M'għandix kliem biex nirringrazzja lill-grupp tan-Nar (sew ta' l-art kif ukoll ta' l-ajru) li b'sagrifiċċju kbir akkost anki ta' ħajjithom jagħmlu dik il-kwalita' ta' xogħol li ftit jew xejn tara bħalu. S'issa kważi rġiel biss semmejt iżda tiskantawx meta ngħid li dan ix-xogħol u s-sehem kollu li semmejt ġej ukoll minn nisa tagħna, li minn jaf kemm għamlu l-istess sagrifiċċji li nagħmlu aħna l-irġiel mingħajr ma forsi biss nintebħu. Barra minn hekk, xi membri tal-Fergħa tan-Nisa, barra l-ġbir u l-organiżżazzjoni ta' attivitajiet soċjali, reġgħu kienu strumentali biex tlesta' ħafna xogħol ta' ħjata.

Wettaqna xogħol ieħor li l-frott tiegħu mhux ser naqtgħuh din is-sena iżda fit-futur qrib. Hawn qed nirreferi għall-maħżen ieħor li bnejna ħdejn dak li diġa' kellna, bl-iskop li jinħadem u jintrefa' minn sena għall-oħra il-planċier tal-banda, u li qegħdin naħdmu fuqu biex jitlesta' sa l-1996. Wara xi xogħol ieħor strutturali li wettaqna wara l-festa li għaddiet, meta bdilna s-saqaf tat-tromba tal-Każin, grazzi għall-għotja ta' konkrit tas-Sur Dennis Farruġia u xogħol ieħor b'xejn tal-membri tagħna, inbeda' t-taħmil u l-bini tal-maħżen, grazzi għall-għajnuna f'waqta tas-Sur Baskal Ghigo, u benefatturi, membri u partitarji oħra li jew b'għotjiet ta' ġebel/flus jew bl-għajnuna manwali kienu ta' stimolu għalina lkoll biex inlestu dan il-proġett.

Kif qegħdin taraw, kull min għandu għal qalbu l-festa ta' Santa Marija u s-Soċjeta' li ġġib isimha ma qagħadx b'idejh fuq żaqqu. Bl-għajnuna ta' kulħadd, jekk Alla jrid, ser nerġgħu niċċelebraw festa kif nafu nagħmlu aħna l-Imqabbin. Ma nistax nagħlaq dan il-kontribut tiegħi billi ma nfakkarx biex bħas-snin l-imgħoddija, inġibu ruħna sew tul il-festa kollha; għandna nkunu aħna ta' eżempju għal ħaddieħor billi nifirħu mingħajr paroli fil-vojt, u barra minn hekk, kulħadd għandu jagħmel sforz u qabel nakkumpanjaw il-marċi, taslu wasla sal-knisja fejn ikun qiegħed issir il-qofol tal-festa. Bi qrara, u tqarbina kif jixraq, imbagħad, żgur inkunu nistgħu ngħidu li għandna l-ferħ tal-Festa, Festa lil Ommna Marija taħt it-titlu Universali ta' l-Assunta.

Il-festa t-tajba u grazzi lil kulħadd.

*Carmel Żahra*
*President.*

# JOHN & MICHAEL GHIGO
# TA' PATAW




## SOFT STONE QUARRY

## OLD VALLETTA ROAD
## MQABBA

## SPECIALISING IN LAYING OF BLOCKS




## TELEPHONE: 822811
## MOBILE: 0993311

# *JIKTEB IS-SEGRETARJU*



Bl-għajnuna ta' Santa Marija, ix-xahar t'Awissu reġa' magħna u għal darb'oħra reġgħu waslu dawk il-jiem sbieħ li matulhom flimkien nagħtu ġieħ u qima lil Ommna Marija taħt it-Titlu Universali ta' l-Assunta, permezz tal-Festi li nagħmlu *ad unur* tagħha.
Għalkemm din is-sena m'għandniex anniversarji, il-festa xorta waħda ser tiġi ċċelebrata bil-kbir; dejjem nippruvaw intejjbu fuq is-snin l-imgħoddija, u ta' dan nixtieq nagħti prosit lill-Kumitat li nagħmel parti minnu, lill-benefatturi, soċji u partitarji li bl-inkoraġġiment u suġġerimenti tagħhom iġiegħluna nkunu kritiċi (kostruttivi) tagħna nfusna ħalli nibqgħu nimxu 'l quddiem kif dejjem għamilna. Bħala segretarju ta' Soċjeta' Mużikali ma nistax ma nsemmix li dan il-proċess ta' miljorament qiegħed ukoll miexi b'ritmu tajjeb fir-rigward tal-banda, fejn grazzi għat-tħabrik tas-surmast u l-bandisti tal-post, qed jagħtu skop u ħajja lis-Soċjeta' tagħna matul is-sena kollha. Jien, ta' dan kburi, għax bil-programm mużikali ta' l-ewwel tridu, frott ta' sena kunċerti, qed jintwera li l-livell (mużikali) tal-bandisti tagħna qiegħed dejjem jgħola, li allura jirrifletti fi prestazzjonijiet aħjar tal-banda b'mod ġenerali. Dan jgħodd ukoll għal l-iskola tal-mużika li s-surmast imexxi, li minn sena għall-oħra qatt ma naqset milli tagħti l-frott tagħha; l-importanti f'dan il-każ hu li kull partitarju u soċju jagħmel ħiltu kollha sabiex it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jieħdu t-tagħlim tal-mużika b'aktar serjeta' u impenn. Resqin lejn it-tielet millenju u skond ma jidher li qed jiġri barra minn Malta, qed joqrob iż-żmien li anki fil-gżejjer tagħna jeħtieġ li nibdlu radikalment l-ideja' żbaljata li l-mużika hija biss passatemp (*hobby*). Il-mużika hija l-bieb li jwassal biex kull edukazzjoni oħra tasal b'mod aktar effettiv għax tiftaħ il-moħħ (speċjalment tat-tfal żgħar) b'mod li ebda tagħlim ieħor m'għadu ġie ppruvat xjentifikament li jagħmel dan ħliefa. Aħna rridu nkunu ppreparati nilqgħu dawn l-isfidi u pesważ li wara dan li ktibt, kull min iħobb verament lil uliedu ser jgħarbel sew il-kuxjenza tiegħu u jgħid: "Jien x'qed nagħmel ġdid u ta' ġid biex intejjeb il-livell edukattiv ta' uliedi?"
Punt ieħor li huwa dmiri nisħaq fuqu hu r-rispett u l-apprezzament f'dan is-sens li ġej. Il-Festa tiġi biex nagħtu qima kif jixraq lill-Madonna. Kulħadd ikun jistenna dawk il-mumenti solenni meta l-Istatwa tal-Padruna toħroġ fuq iz-zuntier biex iddur mat-toroq tar-raħal tagħna. Nimtlew bil-ferħ u bl-entużjażmu, u hekk għandu jkun. Iżda waqt li nkunu ngawdu mal-banda waqt il-marċi, jew induru l-pjazza mall-ħbieb nammiraw l-armar, jew nitpaxxew bil-murtali u l-logħob tan-nar, inkunu onesti magħna nfusna u nifirħu b'dak kollu li nkunu wettaqna mingħajr paraguni odjużi, napprezzaw is-sagrifiċċji li jkunu saru minn dawk kollha involuti iżda nirrispettaw l-opinjoni ta' għajrna. Hekk dejjem għamilna u hekk irrid li jibqa' jsir, għax dak li hu tajjeb, jibqa' tajjeb allavolja jgħaddu s-snin.
Mela ejjew nifirħu u naqsmu l-ferħ tagħna ma ħaddieħor, iżda fl-istess waqt nibżgħu għal dak kollu li jkun sar minna u minn ta' qabilna. Niftakru li Festa tirnexxi mhux biss bl-aqwa tiżjin, bl-aqwa nar jew bl-isbaħ marċi, iżda billi jkollna l-ewwel u qabel kollox is-sliem u l-paċi f'qalbna u allura fir-raħal għażiż tagħna, iddedikat lill Ommna Marija Assunta.

**B'dan il-messaġġ nixtieq nawgura l-festa mill-isbaħ lil kulħadd.**

*Peter Psaila*
*Segretarju*

**ID-DROGA** TEQRIDLEK MOĦĦOK U ĦAJTEK,
**IL-MUŻIKA** TIFTAĦLEK MOĦĦOK U TAGĦTIK SKOP F'ĦAJTEK



# BESTMARK - SUB POST OFFICE

Rokku Buhagiar Str Qrendi

Tel: 685872

Ħanut Modern fiċ-Ċentru tal-Qrendi fejn issibu Rigali għal kull okkażjoni

LINEF - ELECTRICAL APPLIANCES - GĦAMARA - ĦWEJJEĠ - TOYS - HABERDASHERY- STATIONERY
PHOTOCOPY SERVICE - SOUVENIERS TAT-TIEĠ - FILM DEVELOPING SAME DAY SERVICE.
Naċċetaw Wedding u Engagement Lists

*BESTMARK - Għal kull ħaġa li tixtieq fid-dar.*

# MQABBA RADIATORS

**TRIQ IS-SALJATURA,
MQABBA.
TELEPHONE: 685826**

GĦAL TISWIJA U BEJGĦ

TA' KULL TIP TA' RADIATORS

XOGĦOL GARANTIT

MATERJAL TA' KWALITA'

PREZZIJIET MODERATI



# APPELL MILL-KAXXIER



Għaddiet sena oħra u l-festa tant mistennija ta' Santa Marija reġgħet waslet. Il-festa hija l-fjur ta' sena ħidma mill-kumitat, membri u partitarji, ħidma bla waqfien sabiex tiġi żgurata festa kbira kif nafu nagħmlu aħna l-Imqabbin.

Wara s-suċċessi kbar li kellna s-sena l-oħra fejn is-Soċjeta' tagħna tibqa' msemmija għall-festi speċjali li organiżżat sabiex jiġi mfakkar il-Konvoy ta' Santa Marija, fejn kellna l-okkażjoni li niltaqgħu mal-Familja Rjali kif ukoll li nospitaw fil-każin u r-raħal tagħna t-team magħruf tar-*Red Arrows*, hekk ukoll din is-sena ninsabu ppreparati sabiex niffesteġjaw b'mod grandjuż il-festa tagħna.

Appena għaddiet il-festa, il-kumitat beda jaħdem bla waqfien. L-ewwel ma kien hemm bżonn kien li jinbidel is-saqaf tat-tromba fejn tneħħew ix-xorok u sar saqaf tal-konkrit. Wara kien imiss il-bini ta' maħżen ieħor sabiex fih ikun jista' jingħata bidu għall-planċier. Hawn nixtieq nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor kien ta' għajnuna sabiex dawn l-affarijiet setgħu jsiru.

Il-grupp ta' żgħażagħ li jieħdu ħsieb l-armar wettaq ħidma sfieqa sabiex jitlesta' r-restawr fuq l-armar tal-festa, li minn sena għall-oħra jkun irid il-manutenzjoni meħtieġa. Barra minn hekk dawn l-istess żgħażagħ ħadmu bla heda sabiex ilestu sett pavaljuni għat-triq tan-nofs. Ta' dan kollu ħaqqhom kull tifħir.

Il-Banda wkoll kellha sehem importanti fil-preparamenti tal-Festa ta' din is-sena fejn taħt it-tmexxija għaqlija tas-Surmast Twanny Camilleri ħejjiet programm imżewwaq u li mistenni jintgħoġob minn kulhadd. Hawn nixtieq nerġa' nifraħ lis-Surmast tagħna li din is-sena kiseb il-Liċenzjat fil-mużika. Taħt it-tmexxija tiegħu, mgħejjun minn Leonard Farruġia u Raymond Camilleri, il-banda kif ukoll l-iskola ta' l-allievi għamlu passi ta' ġgant il-quddiem u nawguralhom kull suċċess għall-futur.

Ħajr ħaqqhom ukoll il-grupp tan-nar illi b'sagrifiċċju u sogru kbir għal ħajjithom jaħdmu s-sena kollha biex jagħtuna dak l-ispettaklu uniku, ta' kwalita' u mill-isbaħ fil-gżejjer Maltin. Fl-aħħar nixtieq insemmi lin-nisa li tant jirsistu sabiex bl-attivitajiet soċjali u ġbir ieħor li jagħmlu jtaffu xi ftit mill-piż kbir finanzjarju li għandha l-Festa. Huma wkoll jgħinu liż-żgħażagħ ta' l-armar permezz tal-ħjata.

Fl-aħħar nixtieq nagħmel appell speċjali sabiex inħeġġeġ lill-membri u partitarji kollha sabiex jagħtu l-għajnuna tagħhom, sew finanzjarjament kif ukoll waqt ix-xogħol ta' l-armar u żżarmar. Nixtieq nieħu wkoll din l-opportunita' biex nawgura festa mill-isbaħ, festa li tgħaqqadna flimkien, festa li fiha kulħadd għandu jipparteċipa anke fil-festa ta' ġewwa, biex b'hekk inkunu ħadna sehem sħiħ kif tixtieq Ommna Marija Patruna Universali.
Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

*Carmel Briffa*
*Kaxxier.*

MARTIN MONREAL

BATHROOMS &
CERAMIC TILES

ST. ANDREW STREET,
ŻURRIEQ.

TELEPHONE: 682435

**INSURANCE →** KARROZZA - DAR - ĦANUT
LIFE - PERSONAL ACCIDENT

**TOURS →** LONDRA - LOURDES - FATIMA
RUMA - EURO DISNEY - TURKIJA

**BILJETTI TA' L-AJRU →** GĦAL KULLIMKIEN

**ĦLAS TA' LIĊENZJI**

TISTA' TINQEDA MINGĦAND
JOE BELLIZZI
"EL PARADISO" TRIQ MATTEOLO SALIBA, ŻURRIEQ
TELEPHONE: 824519



*ZELLA CAR SERVICE*

QORMI ROAD, MARSA.
TELEPHONE: 235982

GENERAL CAR SERVICING,
COMPUTER TUNING AND
FAULT FINDING IN
FUEL INJECTIONS,
ELECTRONIC IGNITIONS,
A.B.S.

# MILL-PINNA TAD-DIRETTUR SPIRITWALI



## MARIJA TRESSAQNA LEJN ĠESU'

Meta aħna l-Maltin insemmu "festa", minnufih tiġi f'moħħna l-FESTA TAR-RAĦAL jew tal-belt tagħna...b'dak kollu li ġġib magħha: tridu u translazzjoni, paneġierku u purċissjoni, tiżjin u baned, murtali u ġiġġifogu, ikel tajjeb u xi qatra żejda! Imma FESTA tfisser wisq iżjed minn dan, u mhux hekk biss! Tafu li għan-Nisrani l-akbar FESTA hi dik tal-GĦID, ukoll jekk ma tidhirx daqs dik li nagħmlu lil "Santa Marija"?

Fl-Għid infakkru l-akbar Misteru tal-fidi tagħna, il-Mewt u l-Qawmien ta' Ġesu'. Dan hu tant importanti li nfakkruh ukoll kull nhar ta' Ħadd u f'kull Quddiesa. Issa, tafu xejn li f'dan kollu jidher sewwa l-kobor ta' Marija, u dan insibuh preċiżament fir-rabta intima tagħha ma Ġesu'? Ftakru sewwa f'dan: billi Alla għażel lil Marija biex tkun Omm Ibnu l-waħdieni, u din l-Aħbar Tajba laqgħetha b'qalbha kollha, il-Mulej ħarisha minn kull tebgħa ta' dnub sa minn mindu tnisslet, hekk li l-ebda ħlejqa ma hija bħalha: "mimlija bil-grazzja", kif sellmilha l-anġlu tal-Mulej!

Il-poplu Nisrani fil-parroċċa ta' l-Imqabba għandu wisq għax jifraħ li l-Knisja tiegħu hi ddedikata 'l Marija mtellgħa fis-sema b'ruħha u ġisimha għax din il-Mara "Imbierka fost in-nisa" għexet wisq viċin Binha Ġesu' hekk li malli temmet ħajjitha f'dal-wied tad-dmugħ instabet denja li tingħaqad miegħu minnufih fil-glorja tal-ġenna!

Minn dan kollu jmissna napprezzaw aħjar kemm il-Qaddisa Marija Omm Alla dejjem għexet viċin il-Misteru tal-Għid, bil-Mewt u l-Qawmien ta' Binha Ġesu'. Miegħu rabtet ħajjitha bl-akbar intimita', sa minn qabel ma twieled fil-għar ta' Betlehem, miegħu baqgħet sa f'mewtu, wieqfa maġenbu taħt is-Salib li daħħlu fil-glorja ta' Missieru...Ma għandniex għalfejn nistagħġbu li, minkejja li l-Vanġelu xejn ma jsemmi, Marija kienet l-ewwel li mtliet bil-ferħ tal-Għid...malli rat lill-Mulej Ġesu' "ħaj mill-ġdid". Dan ma kienx ħabbru Hu stess kif kien qal kemm-il darba?

Kellhom tassew raġun missirjietna li rrikorrew dejjem għand Marija, fil-ferħ u fin-niket li bihom tintiseġ ħajjitna, f'dan il-wied tad-dmugħ. Ngħożżu l-eżempju twajjeb tagħhom aħna lkoll, u mimlija bil-fiduċja nersqu lejn Ommna Marija. Ħadd, bħalha u daqsha, ma jressaqna lejn Binha Ġesu' li bata u miet u qam mill-mewt għalina!

*J.M. Ghigo SJ*

**PANDA GIFT-SHOP**

Triq Karmenu Ciantar — Mqabba,

*Fejn issibu:* **Għażla ta' Għamara** bħal corners, sidetables, mirja, trolleys, inkwadri ta' kull għamla u daqs u affarijietutili oħra.
*Issibu wkoll* linef; silver plaed jew silver; ċeramika fina; figurini; affarijiet tal-kristall u oġġetti tal-kċina u ħafna affarijiet għad-dar.

Għalhekk għaliex le? Aslu wasla sal-

**PANDA GIFT-SHOP**

f'dawn il-ġranet tal-Festa biex tkunu tistgħu ssebbħu d-djar tagħkom.
**NAĊĊETTAW WEDDING LISTS**

JB STORES
TEXTILES

- FABRICS FOR ALL OCCASIONS
- FURNISHINGS
- CURTAINS
- TOWELS
- BED SHEETS
- RUGS
- FITTED CARPETS
- HABERDASHERY
- READY MADE GARMENTS

*The latest fashion at Fantastic Prices*

JB Stores, L' Iklin Road, Lija BZN 09.
Tel: 435537, 435491 Fax: 435475.

# MILL-ĦAJJA TAL-BANDA

Naħseb li lkoll taqblu miegħi illi l-festa 1992 kienet għalina suċċess minn kull att. B'dawk il-mumenti memorabbli quddiem għajnejna, ninsabu ippreparati biex nerġgħu nirrepetu dan l-avveniment hekk importanti fil-ħajja tas-Soċjeta' u l-Banda tagħna. F'dawn il-kelmtejn li ġejjin ser ikollkom ideja ġenerali ta' dak li sar u qed isir biex inżommu dejjem ħajja u attiva l-banda wisq għażiża tagħna, **il-Banda Re Ġorġ V.**
Il-progress li qed tagħmel il-Banda tagħna tarah u tmissu b'idejk, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskola tal-mużika tagħna. B'mod regolari, noħorġu numru ta' bandisti ġodda kull sena, biex b'hekk in-numru ta' bandisti tal-post qed dejjem jikber. Dan żgur ma kienx ikun possibli mingħajr il-ħidma sfieqa u għaqlija tas-Surmast/Direttur tagħna Mro. Twanny Camilleri, L. Mus., V.C.M., A. Mus. L.S.M., li mgħejjun mill-assitenti tiegħu is-sinjuri Leonard Farruġia u Raymond Camilleri ser terġa' tgħati l-frott mistenni permezz ta' **tlett bandisti ġodda**. Huwa fatt sagrosant li mingħajr numru ta' bandisti tal-post, banda ma tistax tgħid li hi ħajja għax ma jkunx possibli li tagħmel dak in-numru kbir ta' kunċerti li nagħmlu aħna, minn Ottubru sa Awissu, kull ġimgħa mingħajr waqfien. Barra minn hekk huwa ta' sodisfazzjon doppju għalina lkoll meta naraw bandisti żgħażagħ tagħna mitlubin idoqqu ma baned oħra għax juri li t-tagħlim li qed nagħtuhom huwa ta' l-għola livell, u li jwassal biex f'qasir żmien jistabbilixxi bħalha mużiċist serju.
Nerġa' nsemmi l-kunċerti li nagħmlu, għaliex dawn dejjem swew ta' ġid. Il-kummenti minn dawk kollha li assistew għall-programm mużikali tat-30 ta' Lulju, 1992 kienu altru minn pożittivi: daqqejna mużika diffiċli bil-bandisti tal-post mgħejjunin mill-anqas numru ta' barranin possibli, u mhux bil-kontra. Għal din is-sena, nistiednkom terġgħu tingħaqdu magħna nhar l-Erbgħa, 11 t'Awissu għall-programm annwali tagħna: ippreparajna programm varjat, jolqot il-gosti ta' kulħadd u bi skop edukattiv ukoll.
Sena wara l-oħra, biex tindaqq din il-mużika isiru ħafna sagrifiċċji mill-bandisti tal-post u wasal iż-żmien li ta' dan is-sagrifiċċju ħaqqna rigal. Ir-rigal għalina l-bandisti ser ikun jikkonsisti f'palk professjonali, kif titlob l-arti u x-xjenza mużikali, u, għaliex le, mill-isbaħ. Għal dan il-għan, għandna l-approvazzjoni tas-seduta ġenerali ta' Jannar biex dan il-proġett isir, kif ukoll l-għajnuna ta' ħafna mis-soċji u partitarji tagħna stess li għoġobhom ħafna d-disinn oriġinali tas-Sur Ġużeppi Caruana, disinjatur ta' l-affari tiegħu. M'inhiex il-kaxxier iżda xorta waħda nħossni fid-dmir li nappella għall-ġenerożita' tagħkom partitarji ħalli fil-Ġublew tad-Deheb tal-Banda tagħna (1996), ikollna mhux biss banda soda iżda wkoll l-isbaħ planċier li jkun jixirqilha.
Qed nikteb dawn il-kelmtejn wara li b'sodisfazzjon għamilna ż-żewġ servizzi f'Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi.

Fuq talba ta' ħafna mis-soċji u partitarji, din is-sena ser noħorġu għall-marċ ta' fil-għodu, librett mimli bl-aqwa marċi u innu/marċi li għandna fl-arkivju tagħna, biex b'hekk inkomplu nkabbru l-briju ferrieħi iżda nadif (f'kull sens) li qatt ma naqas mill-festa tagħna.



*Tliet bandisti ġodda mal-Banda tagħna.*
*Mix-xellug: Omar Caruana (Althorn), Nicholas Baldacchino (Cornu) u Maria Briffa (Clarinett) flimkien mas-Surmast/Direttur u għalliem ta' l-alljevi.*

Hawnhekk ma nistax din is-sena ma nfaħħarx id-deċizjoni li għaxar snin ilu l-kumitat flimkien mall-kummissjoni banda ta' dak iż-żmien ħadu meta nqatgħu id-dħaħen kollha mill-marċi tagħna. Għalkemm dak iż-żmien kienet deċizjoni taħraq, il-lum persważ illi lkoll taqblu miegħi li kienet waħda għaqlija u li wriet kemm is-Soċjeta' tagħna dejjem kienet immexxija minn kumitat serju u responsabbli. Ta' dan jien illum kburi għax iż-żmien, bħal dejjem, tana raġun.
Qabel nagħlaq nixtieq, bħal kull sena, nappella biex dawk kollha li jħobbu verament il-banda jitħajjru jiġu l-każin biex jitgħallmu xi strument. L-istess emfasi nagħmel lill-ġenituri: ibgħatu l-uliedkom il-Ħadd fil-għodu l-każin biex, taħt it-tmexxija ta' għalliema serji, jiġu mgħallma din l-arti kbira li hija l-mużika. Nixtieq ukoll nirringrazzja lil sħabi fil-kummissjoni banda għal għajnuna li dejjem sibt fihom kif ukoll lis-Sur John Borġ, emigrant Mqabbi ġewwa l-Amerika illi għoġbu jirregala l-Banda ħafna mużika klassika, kif ukoll moderna li kompliet tgħani l-Arkivju Mużikali tagħna. Ma baqgħali xejn xi ngħid ħlief li nagħmel appuntament magħkom ilkoll soċji u partitiarji, u narakom mall-banda tagħna, tieħdu pjaċir waqt il-marċi li jsiru f'ġieh il-Padruna ta' raħalna **Santa Marija**, u b'hekk f'għaqda waħda nkomlu nkabbru din il-**Festa Universali.**
**Viva l-Banda Re Ġorġ V tas-Soċjeta' Santa Marija.**

***Adrian Żahra - Delegat Banda.***



FARELL
BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing

Blue Grotto Ave., Żurrieq
Telephone: 822396

*FL-OKKAŻJONI TAL-FESTA TITULARI TA'*

# *SANTA MARIJA*

## *IL-BANDA RE ĠORĠ V*
## *TA' L-IMQABBA*
## *TIPPREŻENTA*

## *KUNĊERT STRUMENTALI*
## *NHAR L-ERBGĦA, 11 T'AWISSU 1993.*
## *FL-10 .00 p.m.*

| | | |
|---|---|---|
| Suite | **Impressions of Seville** | H. Simeone |
| Reminiscenze | **La Forza del Destino** | G. Verdi |
| March | **El Capitan** | J.P. Sousa |
| Fantasia | **Lohengrin** | R. Wagner |
| Theme | **Mozart 40** | W.A. Mozart |
| March | **Under the Double Eagle** | J.F. Wagner |
| Grand Waltz | **Blue Danube** | J. Strauss Jr. |
| Innu | **Banda Re Ġorġ** | A. Camilleri |
| Innu | **Malti** | R. Samut |

**Mro. Anthony Camilleri, L. Mus. V.C.M, A. Mus. L.S.M.**
**Surmast/Direttur**

JAMES GREEN

FUNERAL SERVICE

IRRIKORRU:
'GREEN HOUSE'
ST. CATHERINE STREET,
QRENDI.

TELEPHONE: 827791
TELECELL: 099 4880

*Carabott Jewellers*

*Dun Ġużepp Żammit Street,*
*Żurrieq*

*Telephone: 680760*
*Business Hours:*
*Monday to Friday 9.00 a.m. - 12.00 p.m.*
*4.00 p.m. - 7.00 p.m.*
*Wednesdays & Saturdays Half Days*

SOUTHERN
CONSTRUCTION
CO. LTD.

CIVIL & BUILDING CONTRACTORS
MQABBA

TELEPHONE: 683369
TELECELL: 099 7328

# TAGĦRIF ĠENERALI FUQ IS-SILTIET MUŻIKALI LI
# *L-BANDA RE ĠORĠ V TA' L-IMQABBA*
## SER TESEGWIXXI WAQT IL-PROGRAMM STRUMENTALI TA' NHAR L-ERBGĦA, 11 T'AWISSU, 1993.

### *Impressions of Seville: Suite - Harry Simeone.*

Ikolli nistqarr illi l-ewwel darba li smajt din is-*suite* mill-*Filarmonica La Vallette* waqt il-programm annwali tagħha (1983) u li tagħmel fl-Istitut Kattoliku , saħritni bil-ġmiel ta' mużika Spanjola li fuqha hi mibnija. Harry Simeone, kompożitur Sud-Amerikan, ifforma dan is-*suite* minn erba' movimenti li huma:

1. ***El Torero;***
2. ***Santa Maria de la Sede;***
3. ***La Gitana;***
4. ***El Ballador Flamenco.***

### *La Forza del Destino: Reminiscenze - Giuseppe Verdi.*

Dan l-arranġament għall-banda ta' R. Cristiano jinkludi uħud mill-isbaħ mumenti ta' din l-opra li Verdi kien ikkompona fl-1862 għal ***St. Petersburg.*** Guiseppe Verdi (1813 - 1901) wara s-suċċessi li kiseb permezz talopri ***Rigoletto*** (1851), ***Trovatore*** u ***Traviata*** (it-tnejn tal-1853), kien għadda minn perjodu ta' maturita' artistika u għalhekk m'għandniex neħduha bi kbira li din l-opra hija meqjusa fost l-aqwa tal-ġeneru tagħha.

### *El Capitan: March - John Philip Sousa.*



John Philip Sousa

John Philip Sousa, vjolinist u direttur tal-baned militari, twieled f'***Washington***, nhar is-6 ta' Novembru 1854 u miet f'***Reading***, nhar is-6 ta' Marzu 1932. Wara li tgħallem il-vjolin u xi strumenti tar-ram, ta' 14-il sena sab ruħu fil-banda tal-***Marines***. Bejn l-1864 u l-1867 kompla jieħu l-lezzjonijiet għand George F. Benkert u beda jikkomponi xi xogħol 'l hawn u 'l hinn. Wara perjodu bħala vjolinist ma Offenbach u aktar tard bħala direttur tal-orkestra li kienet takkumpanja il-preżentazzjoni ta' xogħolijiet għall-palk ta' ***Gilbert and Sullivan***, ġie maħtur direttur tal-banda tal-***Marines*** u mill-ewwel insibuh jikkomponi l-marċi. L-ewwel sensiela ma tantx impressjonat iżda bil-***Gladiator*** ta' l-1886 fetaħ era ġdida għall-marċi militari. Warajh kellu suċċess bil-***Washington Post,*** fejn fih introduċa t-***two step.*** Fl-1897 ikkompona l-marċ ***The Stars and Stripes for Ever***, illi s-suċċess kbir li kellu huwa rifless f'aktar minn $300,000 drittijiet tal-kompożitur li rrendielu. Wara li telaq il-banda tal-***Marines***, għaqqad waħda għal rasu u biha dar id-dinja. Ġieli ttanta jikteb xi xogħol għall-palk bħal ***Desiree*** tal-1884 u ***El Capitan*** tal- 1896, xogħol verament tajjeb u li minnu ttieħed dan il-marċ.

..... ikompli f'paġna 21

# Aida Hall

*Triq Ġużeppi Mattew Callus - Żurrieq,*

For Receptions, Parties and all occasions

Tel: 683112



# 100%

# INTERESS

## fis-Servizz lill-Klijent

APS BANK LTD

275, St. Paul Street, Valletta VLT 07

Tel: 247547 Fax: 238698 Telex: 1226

## *Lohengrin: Fantasia - Richard Wagner.*



RICHARD WAGNER FL-1865

Din l-opra epika Ġermaniża, ġiet komposta fi tlett atti u mtella' għall-ewwel darba ġewwa ***Weimar Court Theater*** nhar it-3 ta'April, 1871. Kull min qara l-ħajja ta' Richard Wagner (1813 - 1883) jaf minn kemm għadda gwaj minħabba l-attivitajiet u l-idejat rivoluzzjonarji tiegħu. F'nofs dan il-gwaj insibu proprju l-***Lohengrin*** illi għalkemm oriġinarjament ikkomponiha għat-teatru ta' ***Dresden***, din ġiet irrifjutata għal raġunijiet politiċi. Kellu jkun il-ħabib kbir tiegħu Liszt (li aktar tard Wagner iżżewwiġlu t-tifla tiegħu Cosima) li kellu l-kuraġġ jippreżenta din l-opra għall-ewwel darba fl-Isvizzera, b'mhux aktar minn 38 mużiċist u fl-assenza tal-kompożitur innifsu tgħidilna l-istorja. Fil-fatt, Wagner kellu jistenna sal-1861 biex jismagħha fi Vjenna.

Il-kobor ta' dan il-kompożitur huwa indiskutibli; daqstant ieħor hija indiskutibli id-diffikulta fl-esekuzzjoni saħanistra anki tal-anqas xogħol minn tiegħu. Din il-***Fantasia*** ta' Giuseppe Manente kien irregala lis-Soċjeta' tagħna l-ewwel Surmast tagħha jiġifieri Mro. J.M. Barbara, A. Mus. L.C.M. Tinkludi wkoll uħud mill-aqwa mumenti bħall-preludju u l-ferm famuż ***Wedding March***. Is-solisti tul dan ix-xogħol ikunu ***Leonard Farruġia (Trumpet) u Paul Mifsud (Althorn), żewġ bandisti tal-post.***

## *Sinfonia No. 40: Theme - Wolfgang Amadeus Mozart.*

Wara li l-kummissjoni banda irnexxiela takkwista kopja tal-partitura tal-arranġament ta' Guyllar, grazzi għat-tħabrik tas-surmast tagħna li b'paċenzja kbira ħareġ il-partijiet għall-istrumenti, din is-sena nistgħu nippreżentaw dan ix-xogħol hekk sabiħ u klassiku. Ibbażat fuq l-ewwel moviment ***(Allegra Molto)*** ta' din is-Sinfonija No. 40 ***in Sol Minore, K. 550***, dan l-arranġament għandu jolqot il-widna ta' kulħadd minħabba li t-tema prinċipali hija ferm popolari. Ta' 32 sena (1788), Wolfgang Amadeus Mozart (1756-1791) insibuh jikkomponi l-aqwa tlett sinfoniji tiegħu, l-aħħar tlieta fost il-41, jiġifieri dik imsejjħa ***in Mi Bemol Maggiore, l-in Sol Minore u .-in Do Maggiore,*** magħrufa wkoll bħala l-***Jupiter***. Għalkemm ta' eta' żgħira, xorta waħda kien diġa' laħaq livell ta' maturita' mużikali eċċezzjonali u mhux ta' b'xejn dawn l-aħħar xogħolijiet kellhom ikunu ta' mudell għall-sinfonisti oħra kbar u ixjeħ minnu bħal Joseph Haydn.

## *Under the Double Eagle: March - Josef Franz Wagner.*

Dan il-kompożitur Vjenniż ma kien jiġi xejn minn Richard Wagner li semmejt aktar qabel. Huwa twieled fl-20 ta' Marzu, 1856 u miet fil-5 ta' Ġunju, 1908. Għal żmien twil serva bħala Direttur tal-banda tal-***47th. u l-49th. Imperial Regiments***. In-nuqqas ta' suċċess li kellu fil-kompożizzjonijiet tejatrali pattieh b'oħrajn li jinkludu danzi u marċi, fosthom dan il-marċ minn tal-aħħar (1893), li għadu meqjus bħala wieħed mill-aqwa fid-dinja.

## *Blue Danube: Grand Waltz - Johann Strauss Jr.*

Wara li s-sena l-oħra daqqejna l-***waltz Roses from the South***, kienu ħafna dawk fostkom li xtaqu jisimgħu xogħol ieħor ta' dan ir-re tal-Valzi. L-għażla waqgħet fuq dan ix-xogħol famuż u tal-widna li Johann Strauss Jr. (1825-1899) ikkompona madwar l-1860. L-arranġament bandistiku huwa ta' P. Vidale u jitlob attenzjoni kbira minn kull sezzjoni tal-banda, speċjalment bejn valz u ieħor.

***Raymond Camilleri, B.Sc.***

LOMBARD BANK (MALTA) LIMITED

Għal snin twal Lombard Bank qeda' l-htiġijiet Bankarji ta' ħafna Maltin minn ufficju fil-Belt.

Illum, Lombard Bank qiegħed jiffrex is-servizzi tiegħu f'lokalitajiet oħra biex ikun jista' jagħqdi aħjar il-ħtiġijiet Bankarji tiegħek.

Għalhekk żur il-fergħa tagħna ġo ħal-Qormi biex inti stess issir taf għalfejn ħafna u ħafna Maltin jagħmlu użu mis-servizzi ta' Lombard Bank.

LOMBARD BANK

Share the Experience!

**Qormi Branch**
Lombard House, 4 Main Street,
Qormi, QRM 04, Malta.
Tel: 484602/5, Fax: 484601.



# L-ISQOF PAOLO ALPHERAN DE BUSSAN IŻUR IL-PARROĊĊA TAL-IMQABBA

*( TAGĦRIF MIĠBUR MINN TONY TERRIBILE )*

**IT-TIENI PARTI**

Fil-programm tal-festa tal-1991 konna bdejna naraw flimkien iż-żjara pastorali li kien għamel l-Isqof ta' Malta Monsinjur Paolo Alpheran de Bussan.

Dak iż-żmien kien kappillan tar-raħal Dun Ġużepp Pawl Żammit u din il-vista kienet bdiet fis-26 ta' Settembru 1745.

Fl-ewwel parti konna rajna il-wasla ta' dan l-Isqof fir-raħal, il-quddiesa li ġiet iċċelebrata fil-ftuħ ta' din il-vista u wara rajna l-Isqof Alpheran jinvista l-ħwejjeġ importanti fil-knisja bħall- Battisteru, l-artal maġġur u l-artal tal-kor.

Din is-sena se naraw it-tieni parti ta' din il-vista meta l-Isqof Alpheran żar it-tmien artali laterali tal-knisja parrokkjali tal-Imqabba.

Minn din id-deskrizzjoni wieħed jinduna li l-pożizzjoni ta' l-artali kienet diġa' kif inhi llum iżda hemm xi tibdiliet u drawwiet li hu tajjeb li wieħed josservahom.

Kull artal kellu fuqu gwarniċ skulturat u ndurat u kien imżejjen b'żewġ kolonni waħda fuq kull naħa tal-kwadru, iżda l-prospettivi ta' l-artal tar-Rużarju u tal-Kurċifiss, il-kolonni kienu doppji, jiġifieri l-prospettivi f'dawn il-kappelluni kienu akbar.

L-Isqof fil-kumment tiegħu josserva li dawn kollha kienu ndurati.

Il-kappelluni maġġuri kienu ddedikati lil Madonna tar-Rużarju u lil Kurċifiss.

F'dawn iż-żewġ kappelluni kien hemm żewġ artali oħra: f'dak tar-Rużarju kien hemm l-artal tal-Inkoronazzjoni tal-Madonna u f'dak tal-Kurċifiss kien hemm l-artal tal-Kunċizzjoni.

Meta jibda jitkellem fuq l-artal tal-Inkoronazzjoni tal-Madonna l-Isqof jgħid li dan l-artal huwa wkoll magħruf bħala tat-Trinita'.

F'dan l-artal huma wkoll meqjuma ż-żewġ kwadri ta' Santu Rokku u tal-Madonna tal-Karmnu.

Kull sena fuq dan l-artal tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Ġużepp.

Meta l-Isqof Alpheran jibda' jitkellem dwar il-kappellun tar-Rużarju jsemmi l-kwadru li fih kienet tidher il-Madonna bil-Bambin, Santu Duminku, Santa Katerina minn Siena, Santa Roża u s-Sultan David. F'dan il-kwadru kienu wkoll impittra l-misteri tar-Rużarju Imqaddes.

L-Isoqf isemmi wkoll li fuq l-artal tar-Rużarju kien hemm meqjuma x-xbieha tal-Madonna tad-Dawl u l-festa ta' dan il-kwadru kienet tiġi ċċelebrata kull sena nhar il-festa tal-Patroċinju tal-Madonna.

L-Isqof isemmi wkoll il-Fratellanza tar-Rużarju Imqaddes, mwaqqfa fuq dan l-artal u jgħid li din il-fratellanza tiċċelebra kull sena żewġ festi f'ġieh il-Madonna waħda fl-ewwel Ħadd t'Ottubru u l-oħra fl-ewwel Ħadd ta' Mejju.

Iż-żewġ festi kienu jsiru bil-kant tal-Għasar u bil-quddiesa kantata.

Wara li jsemmi l-legati u l-obbligi marbuta ma' dan l-artal, l-Isqof isemmi d-dmirijiet li kellhom il-fratelli tar-Rużarju u fost dawn, isemmi s-sehem tagħhom fil-purċissjonijiet lebsin il-kunfratija u wkoll li kull l-ewwel Ħadd tax-xahar jattendu l-quddiesa li kienet issir b'sufraġju tal-fratelli mejtin.

Devozzjoni oħra marbuta ma' dan l-artal kienet ir-reċta ta' Litanija tal-Madonna kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar.

Meta tkellem fuq l-artal tal-Kurċifiss hu

....ikompli f'paġna 27

## 248 SENA WARA....
## L-ARTALI LATERALI FIL-FESTA TITULARI TA' SANTA MARIJA



L-ARTAL TAL-INKORONAZZJONI



L-ARTAL TAR-RUŻARJU



L-ARTAL TAL-KURĊIFISS



L-ARTAL TAL-KUNĊIZZJONI



L-ARTAL TAL-VIŻITAZZJONI



L-ARTAL TA' SAN PAWL U SAN PUBLIJU



L-ARTAL TA' L-ISPIRTU S-SANTU



L-ARTAL TA' SANT' ANTNIN U SAN GEJTANU

# COMBINED TRADES CENTRE

## SALJATURA STREET, MQABBA.

(wara Ċelest il-Mechanic)

Fejn issibu: Varjeta ta' għodda fosthom
Welding Sets, Battery Chargers, Boosters, Taps & Dies
Metric, UNF, UNC.
High Pressure Washers, Pompi ta' l-ilma għad-dar,
Boldijiet B.S.W., B.S.F., U.N.F., M.M.
Kiri ta' Chaser Speċjali għat-tħafir tat-trinek tal-kanen tad-dawl.
Ħinijiet tal-ftuħ: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-4.00 - 7.00 p.m.
Is-Sibt mit- 8.00a.m. - 12.30 p.m.

# BLUE SKY GARAGE

ALWAYS AT YOUR SERVICE
FOR YOUR CAR,
BODY DAMAGE REPAIR,
TYRE SERVICE & SALES.

## BP SERVICE STATION

SAFI
PROP. D. MANĠION
TELEPHONE: 680087



Għal kull xogħol ta'
bibien, twieqi, turġien u gallarijiet
tip Malti irrikorru għand

# JOE'S

## PROFILE ALUMINIUM

3, Valletta Road, Żurrieq,
Tel: 829601

jsemmi x-xbieha tal-kurċifiss li kienet meqjuma fuq dan l-artal u jsemmi s-Sodalita tal-Agunija li kienet imwaqqfa fuq dan l-artal. L-Isqof Alpheran jgħaddi imbagħad biex isemmi ż-żewġ festi li kull sena kienu jiġu ċċelbrati fuq dan l-artal. Waħda kienet tiġi ċċelebrata fit-3 ta' Mejju u l-oħra fl-14 ta' Settembru. Fuq dan l-artal l-Isqof josserva l-kwadru tal-Lunzjata u jgħid li kull sena tiġi ċċelebrata il-festa ta' dan il-kwadru fil-25 ta' Marzu.

L-Isqof Alpheran jgħaddi imbagħad biex jitkellem dwar l-artal tal-Kunċizzjoni li jinsab f'dan il-kappellun. Dan l-artal kien ukoll magħruf bħala ta' l-Erwieħ billi fil-kwadru, taħt ix-xbieha tal-Immakultat kien hemm l-Erwieħ tal-Purgatorju impittra flimkien ma' Sant' Anna.

L-Isoqf josserva wkoll li fuq dan l-artal kien hemm meqjuma x-xbieha ta' Ġesu' Bambin magħluqa f'niċċa żgħira tal-ħġieġ.

Wara li ra dawn l-erba' artali, hu jsemmi l-obbligi tal-quddies marbuta magħhom. Isemmi wkoll il-festi u l-piżijiet marbuta magħhom kif ukoll jitkellem dwar il-ġranet u l-fundazzjonijiet li fihom kienu jinxtegħlu l-lampieri ta' dawn l-artali.

Fil-korsija tal-knisja, l-Isqof Alpheran isemmi erba' artali u jibda b'dak iddedikat lil Viżitazzjoni tal-Madonna u bħala parti mill-prospettiva ta' dan l-artal kien hemm pittura ta' Ġesu' Salvatur.

L-Isqof josserva li fuq l-ewwel skanell ta' dan l-artal kien hemm meqjuma x-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu, mdawwra bi gwarniċ sabiħ ta' l-injam.

Kienu jiġu ċċelebrati żewġ festi fuq dan l-artal waħda dik tal-Viżitazzjoni tal-Madonna u l-oħra tal-Madonna tal-Karmnu. Dawn kienu jiġu ċċelebrati bil-kant ta' l-Għasar u l-Quddiesa kantata.

Dan l-artal kellu wkoll marbuta miegħu bosta piżijiet ta' quddies.

Artal ieħor fil-korsija kien iddedikat lil San Pawl u lil San Publju u miegħu wkoll kellu bosta piżijiet ta' quddies.

Dan l-artal għamel żmien f'idejn il-*Venerranda Lampada* tal-parroċċa u fuqu kienu jiġu ċċelebrati ż-żewġ festi ta' San Publju fil-21 ta' Jannar u tan-Nawfraġju ta' San Pawl jiġifieri fl-10 ta' Frar.

L-Isqof imbagħad għadda biex jitkellem dwar l-artal tal-Ispirtu s-Santu li bħala kwadru titular kellu pittura ta' l-Inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq il-Madonna u l-Appostli.

L-Isqof osserva li dan ma tantx kien miżmum tajjeb u amar li jkun miżmum aħjar bil-piena li jiġu sekwestrati xi benefizzji marbuta ma' dan l-artal.

L-aħħar artal fil-korsija kien iddedikat lil Sant Antnin ta' Padova flimkien ma' San Gejtanu Tiene.

Fuq dan l-artal kienet tiġi ċċelebrata festa waħda biss, dik ta' Sant Antnin jiġifieri fit-13 ta' Ġunju, bil-kant ta' l-Għasar u l-Quddiesa kantata.

Wara li spiċċa jdur dawn l-artali, l-Isqof Alpheran ra u nvista s-sedji tal-kor, il-paviment, l-orgni, il-pulptu u l-kampnar, u kif osserva fil-vista ta' qabel, dawn kollha kienu miżmuma tajjeb u ndaf u għal dan l-Isqof faħħar lill-kappillan u lill-prokuratur responsabbli.

L-aħħar affarijiet li ra l-Isqof Alpheran, f'dan l-ewwel jum tal-vista tiegħu fl-Imqabba, kienu l-erba' konfessinarji.

Tnejn minn dawn l-erba' kienu magħmulin minn injam ta' l-aħmar, u kien fihom xogħol sabiħ ta' skultura. Dawn kienu fil-korsija. L-Isqof ordna li ma dawn il-konfessinarji jitpoġġew tabelli bil-każi ta' qrar riservat u xi xbihat sagri.

***Sliema***
***13 ta' Mejju 1993***

## FIL-JIEM TAL-FESTA

**NERSQU AKTAR LEJN IL-KNISJA BIEX:**

1. NIEHDU SEHEM ATTIV FIL-FUNZJONIJIET LITURĠIĊI KOLLHA;
2. NAMMIRAW MILL-QRIB U NAPPREZZAW IL-ĠAWHRA TA' TEMPJU LI JKOLLNA ARMAT FIL-FESTA TITULARI.

GRAPHICS
VIDEO
PRODUCTIONS

*A moment in time.....*

**Personal attention in creating your special memories on video**

**CALL NOW FOR A FREE DEMONSTRATION**

PATRICK BORG

"JEANNETTE" TRIQ IT - TURRETTA

STA VENERA - Tel : 443692



*Not just another Video Company*

## *NIFIRĦU LIS-SURMAST/DIRETTUR*
# *MRO. ANTHONY CAMILLERI L.Mus. V.C.M., A.Mus. L.S.M.*



Lejn l-aħħar ta' April li għadda, is-Surmast/ Direttur tal-Banda tagħna għamel l-eżamijiet tal-Liċenzjat fil-mużika tal- ***Victoria College.*** Wara li fil-bidu ta' l-1991 kien kiseb l-***Associate Diploma*** mill-***Lancashire School of Music,*** issa għadda wkoll bl-unuri minn dan l-eżami ferm prestiġjuż. Dan żgur ma kienx ikun possibli li kieku ma kienx għad-diriġenti ta' l-Istitut Kattoliku, li mmexxija minn Dr. Charles Żammit, ħadmu kemm felħu biex Kulleġġ hekk imsemmi, akkreditat u b'aktar minn mitt sena ta' tradizzjoni mużikali, ikollu ċentru ta' l-eżamijiet hawn Malta. F'isem is-Soċjeta' tagħna, nixtieq nirringrazzja mill-ġdid propju li Dr. Żammit ta' l-interess u l-impenn personali tiegħu biex wassal lis-surmast wild is-Soċjeta' tagħna, b'suċċess għal dawn l-eżamijiet li l-materja tagħhom kienet tkopri, fost l-oħrajn: teorija tal-mużika, armonija, storja tal-mużika, kontrapunt, fuga, arraġament u orkestrazzjoni.

Nagħlaq dan il-kontirbut qasir tiegħi billi f'isem il-President u sħabi l-oħra tal-kumitat, soċji u partitarji kollha, nifraħ mill-ġdid lis-surmast għal dan is-suċċess u nawguralu aktar għall-futur. ***Kull sodisfazzjon li tħoss int surmast ibqa' ċert li nħossuh aħna wkoll, għax aħna familja waħda, u kburin li għandna persuna hekk responsabbli tmexxi l-banda tagħna, li naf kemm hi wisq għażiża għalik u daqstant ieħor għalina.***

*Carmel Briffa.*

# *IL-BANDA*

### *ISSEBBAĦ U TKABBAR IL-FESTA. IL-ĠENITURI HUMA MĦEĠĠA JIBAGĦTU LIL ULIEDHOM IL-KAŻIN TAL-BANDA SABIEX JIĠU MGĦALLMA B'XEJN L-ARTI MUŻIKALI.*

# SPEND 'N' SAVE

***Discount Supermarket***

80, St. Catherine Street,
Żurrieq.

*Fejn il-mara tad-dar issib*
*minn kollox u fl-istess ħin*
*tiffranka l-flus u toħroġ sodisfatta.*

Ħin mis-7.00a.m. sas-7.00p.m. mit-Tnejn sas-Sibt
Tel: 689878



# SCHEMBRI BARBROS LTD.

**SUPPLIERS OF:**



**WIRE MESH, STEEL & BUILDING MATERIALS**

**Tal-Barrani Rd.,**
**Bir-id-Deheb.**
**Tel: 805592**
**Fax: 808875**



# IR-RAĦAL TA' L-IMQABBA U XI TAGĦRIF STORIKU DWARU

*Jikteb is-Sur Alfred Camilleri*

**KIF BEDA ISMU?:**
Tista tgħid li kull min kiteb biex jagħti tifsir ta' isem dan ir-raħal, ipprova jkun oriġinali billi qal xi ħaġa li ma qalha ħadd qabel. Hemm min qal li "Mqabba" hi ġejja minn Imħabba. L-avukat Bellanti meta kkwota lit-tabib G. Micallef, seta' qorob aktar lejn is-sewwa meta qal li "Mqabba" hija ġejja mill-verb "qabb" (taqta' ġebla) u allura b'xi mod jasal għall-konklużjoni, forsi xejn ġusta, li n-nom huwa "Mqabba" (barriera). Dan jista' jkun tassew minnu għaliex dan ir-raħal kien sa minn ħafna żmien ilu, iċ-ċentru tal-barrieri f'Malta. Oħrajn ippruvaw igħidu li isem dan ir-raħal hu ġej mill-kelma Semitika "Micabba" li tfisser għati moħfi. Kittieb ieħor li qal li hi kelma Għarbija hu l-Konti Ċiantar li kiteb bejn l-1772-1780 u qal li "Mqabba" ma tfisser xejn ħlief 'una copletta' jew aħjar vażett li jservi biex igħatti. Dan qisu jikkonfermah il-Profs. Ġuże Aquilina għaliex minn sejbiet arkeoloġiċi jidher biċ-ċar li f'dawn l-inħawi kien hemm xi kolonja ta' nies li difnet il-mejtin tagħha f'oqbra għamla ta' ċelel, bħal tal-Feniċi. Issa jekk dan hu minnu, in-nies ta' l-Orjent iħobbu jibnu l-bini tagħhom bħall-koppla. Dan għadu jidher sal-lum fl-ibliet Għarab. (1)

**IR-ROLLO TA' L-ISQOF DE MELLO:**
Bla ebda dubju, wieħed mid-dokumenti l-aktar interessanti fl-istorja tal-knisja f'Malta huwa l-hekk imsejjeħ "Quinterniolus pro Concordia Taxarum" jew aħjar ir-Rollo ta' l-1436. Dan huwa ġabra ta' benefiċċji li kellha f'dawk iż-żminijiet il-knisja Maltija u min kien igawdi minnhom. Kien ġie ordnat mill-Isqof Senatore De Mello permezz ta' erba' kanonċi tal-Kattidral sabiex tinstab soluzzjoni għal kwistjoni twila bejn il-kleru f'Malta u dak ta' Għawdex, dwar it-taxxi ekkleżjastiċi li wieħed kellu jħallas. (2) Il-benefiċjarji msemmija f'din il-ġabra kienu: arċidjaknu, dekan, kantur, teżorier, tnax-il Kanonku tal-Kattidral ta' L-Imdina (3), tlettax-il "presbiter" u żewġ benefiċjarji. Ir-Rollo jagħti lista ta' 144 benefiċċju, fosthom id-dħul minn tnax-il cappella li kienu: lu Zurrico, Zebug, Bir Miftuħ (Gudja), San. Catharina (Żejtun), Mellecha, lu Naxaru, Bircircara, raħal Curmi, Santa Dominica (Dingli), lu Burgu, Sigeui u S. Paolo di fora (Rabat). Sa dan iż-żmien, l-Imqabba bl-irħula oħra żgħar ħdejha kienu jaqgħu taħt il-ġursdizzjoni tal-parroċċa ta' BIR MIFTUĦ (GUDJA). (4)

**L-IMQABBA SSIR PARROĊĊA U KELMA DWAR IL-KNISJA PARROKKJALI TA' SANTA MARIJA:**
Fl-1575, il-poplu ta' dan ir-raħal kien ressaq it-talbiet tiegħu biex jinqata' f'parroċċa għalih quddiem il-viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Dusina iżda t-talba ma ntlaqgħetx. Ġara li fl-1592, wara l-mewt tal-Kappillan ta' Bir Miftuħ Dun Bertu Manġion, l-Isqof Tumas Gargallo, preċiżament fid-29 ta' Mejju, fired mill-matriċi ta' Bir Miftuħ lill-knisja ta' Ħal-Kirkop, taħt it-titlu ta' San Ġakbu. Hawnhekk ittellgħet knisja ġdida li ġabret magħha l-irħula ta' Ħal-Safi u Mqabba. X'aktarx li t-talb ta' l-abitanti ma waqafx għaliex nhar is-16 ta' Settembru 1598 l-imsemmi Gargallo fired mill-ġdid iż-żewġ knejjes mill-parroċċa ta' Ħal-Kirkop u waqqafhom f'żewġ parroċċi għalihom.
Il-knisja ta' l-Imqabba ġiet imtella' taħt it-titlu ta' l-Assunzjoni u hawn ta' min igħid kelma dwar kif taħsibha l-liġi tal-knisja rigward it-titular. Mis-seklu 7, il-liġijiet tal-knisja bdew jinsistu li t-titular għandu jġib biss l-isem ta' qaddis jew ta' Misterju tal-Fidi u mhux aktar tal-fundatur jew donatur tal-post bħal fi żmien l-użanza pagana. L-ideja tal-qaddis patrun kompliet tissaħħaħ u ċ-ċelebrazzjonijiet inbidlu f'manifestazzjonijiet kbar ċivili, f'okkażjonijiet ta' laqgħat u swieq pubbliċi. L-offerti lil xi knisja bdew jitqiesu daqs kieku mogħtija lill-patrun bħala ħwejjeġ imħarsa minnu u kull vjolazzjoni tal-ġid tal-knisja kienet titqies daqs kieku att kontra t-titular. Skond il-liġi tal-knisja, kull knisja kkonsagrata, kull altar u kull oratorju irid ikollu "titolu" ta' xi qaddis, misteru tal-Fidi, ta' l-Anġli jew tal-Madonna. Titolu ta' knisja ġeneralment ikun stabbilit mill-isqof li jbierek il-knisja, fuq proposta tal-poplu tal-lokal jew ta' min jieħu ħsieb dik il-knisja. Skond ir-Ritwal Ruman, isem il-qaddis jew il-Madonna jiġi msejjaħ fit-tberik ta' l-ewwel ġebla, jingħad mal-litanija tal-qaddisin u fl-orazzjonijiet tal-Konsagrazzjoni ta' l-istess tempju. Jitniżżel bil-kitba fil-parċmina li tindifen fl-altar maġġur. Il-qaddis titulari irid ikun wieħed li ismu jidher almenu fil-Kalendarju tal-Lokal. (6)
Meta l-Imqabba twaqqaf f'parroċċa, il-funzjonijiet kienu jsiru fil-knisja ta' San Bażilju, li kienet ewlenija fir-raħal waqt li akbar minn dik ta' l-Assunta u li allura baqgħet taqdi lill-poplu sakemm ittellgħet il-knisja li naraw illum. X'aktarx li l-knisja l-qadima kienet imtella' minn ċertu Mikiel Żammit u kien fiha ħames artali.

....ikompli f'paġna 33



*Arranġamenti ta' Fjuri*
*għal kull okkażjoni*
*Ċemplu 683209*
*u*
*Staqsu għal Aldo jew*
*Clare*

**SUPER S**

**IRONMONGERY**
**Matteolo Saliba Street,**
**Żurrieq,**

*Fejn issibu:*

- Mirja u Madum tal-Kmamar tal-Banju
- Aċċessorji tad-dawl u l-ilma
- Ġir u Cement

Issibu wkoll kiri ta' Scaffolding, Chaser,
Jigger, Mixers u Fekruna għat-Trinek

**Tel: 689256**

## G. CAMILLERI & CO. LTD.

*Service Station*

Valletta Road, Żurrieq,
Tel: 827235

**Issibu kull ħaġa li tenħtieġ għall-karozza tiegħek**
**kif ukoll varjetà ta' BICYCLES,**
**Nagħmlu wkoll tiswijiet ta' PUNCTURES,**

Ġiet imwaqqa' wara li ntemm il-bini fuq il-ġdida, li kient magħluqa ġo fiha. Il-Knisja li naraw illum saret fi żmien il-Kappillan Dun Anġ. Mallia taħt id-direzzjoni ta' Mastru Marju Briffa u ibnu Ġamri. Tlestiet fl-1689 iżda s-sagristija tal-lemin inbniet fl-1709. Il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Pellerano nhar l-20 ta' Mejju 1774 bi flus il-qassis iben ir-raħal, Dun Karlo Żammit li miet nhar is-7 ta' Jannar 1795. Il-knisja hija sempliċi iżda jidher biċ-ċar li għandha arkitettura sabiħa immens. Għandha 10 artali, twila 114-il pied, mill-kappelluni wiesa' 77 u mill-kursija 24 pied. Fil-ġenb tagħha hemm kampnar mgħammar b'seba' qniepen. Il-kbira inħadmet fil-funderija Triganza fl-1789 u ħallas għaliha l-Kappillan Dun Aloisio Bartilmew Caraffa (£200). It-tieni waħda saret fl-1800 bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Indri' Farruġia. Ċertu Ġulju Cauchi ħadem żewġ qniepen oħra fl-1876 u swew £116-il waħda. Fl-1965 saret qanpiena oħra li ħadet post waħda mġenġla (7) u nħadment mid-ditta Bianchi ta' l-Italja. F'din il-knisja hemm meqjum il-ġisem imqaddes ta' S. Innoċenz, meħud miċ-ċimiterju ta' S. Lawrenz f'Ruma u mogħti lill-knisja mill-Isqof Pellerano fl-1779. Inġieb solennement fl-24 ta' Ottubru 1779 mill-knisja ta' S. Ġwann Evanġelista f'Ħal-Millieri. L-għotja tiegħu kienet waħda rikka u x'aktarx li kienet opra ta' Dun Salvatore La Corte Pajas ta' Bormla. Fil-gwerra li għaddiet, dan il-ġisem sagru tfarrak u minnu baqa' biss xi fdalijiet.

### KAPPELLI FL-IMQABBA.:

Nibda biex nitkellem dwar dik ta' San Bażilju. Hija qadima ħafna u fuq is-salib li qiegħed fuq il-knisja hemm murija d-data 1515, x'aktarx is-sena li fiha nbniet. Ġiet restawrata fl-1860. Il-kappella ta' S. Mikiel tinsab fin-naħa tax-xellug ta' dik ta' S. Bażilju u nbniet fl-1550 iżda fl-1669 reġgħet ittellgħet mill-ġdid. Fiha artal wieħed. Dik ta' Santa Katarina inbniet ukoll fl-1550 iżda f'din is-sena, biswitha tissemma' knisja ad unur ta' San Pietru. Bid-digriet ta' l-Isqof Rull tas-sena 1759, din ġiet imwaqqa' u mċekkna fi knisja taħt it-titlu ta' Santa Katarina. Il-kappella li naraw illum inbniet fl-1761 bi flus ċertu Ġanni Schembri. Fiha artal wieħed u għandha wkoll koppla. Il-kwadru ewlieni tagħha sar fl-1775. Il-kappella tad-Duluri kienet fi żmien taħt it-titlu ta' l-Assunta. Il-bidu tagħha jeħodna lura lejn is-seklu 16. Kienet knisja żgħira wisq u fl-1680 ġiet mibnija mill-ġdid f'għamla aħjar. Iżda dlonk sfat mitluqa u wara madwar seklu u nofs, l-Isqof Mattei ta lill-assessur tiegħu Dr. Ġanni Schembri, biex jirrestawraha. Dan ta' l-aħħar għamel sottoterran u fetaħha taħt it-titlu tad-Duluri. Ta' min jgħid li din kienet ġuspatronat tal-Kan. Pawl Pulliċino. **(8)**

### OQBRA, TORRIJIET U KATAKOMBI:

Fis-16 ta' Lulju 1935, matul xi xogħol fil-barriera magħrufa bħala "Tan-Naxxari", f'Bur Megħeż il-ħaddiema nifdu ġo ħofra fil-blat u fiha nstab għadam ta' ċriev, ippopotami u volpi. Xi xogħol li kellu jsir f'"Ta' Kandja" kixef qabar puniku u katakombi Kristjan (Awissu 1960). Fil-15 ta' Settembru 1934 instab



**It-Torri Vincenti qabel iġġarraf.**

qabar imħaffer fil-blat waqt li xi ħaddiema kienu qegħdin iħammlu għal sies ta' dar fl-għalqa msejħa "Tal-Mejtin", li tinsab fit-Triq li mill-Imqabba tagħti għall-Qrendi. Instab skeletru ta' mara mimduda fuq daharha u xi fuħħar biswitu. Fl-Imqabba kien hemm Torri għoli sewwa, magħruf bħala t-Torri Vincenti. Miegħu kien hemm speċi ta' każin, mibni fl-1726 mill-Prijur ta' l-Ordni Orfeo de Vincenzo, kif tixhed kitba minquxa fil-ġebel, taħt l-arma ta' l-istess fundatur. L-għar ta' BUR MEGĦEŻ instab fl-1911 mill-professur N. Tagliaferro f'barriera msejħa "Tan-Naskari" madwar nofs mil lejn il-grigal ta' l-Imqabba. Fit-tieni gwerra dinjija (1939-1945) dan kien mimli bombi ta' l-R.A.F. - waħda minnhom splodiet u farrket dan l-għar għal kollox. Fl-10 ta' Mejju 1966 instab qabar Ruman waqt li xi ħaddiema kienu qegħdin iħaffru għat-tqegħid ta' Katusi tad-drenaġġ fl-Isqaq ta' l-Isptar il-Qadim. **(9)**.

### REFERENZI:


1. Ara "Leħen is-Sewwa"; 11-4-1961; IL-MALTI ARKIVJU TA' STORJA'.
2. L-oriġinal mitluf jinsab f'kopja tas-seklu 16/17 fir-R(oyal) M(alta) L(ibrary), Ms. 721 (Misc.), f. 2r-4v.
3. Ara Abela G.F.; DELLA DESCRITIONE DI MALTA; hawnhekk l-awtur jippubblika r-rollo imsemmi iżda b'mod ineżatt ħafna.Kull Kanonku jissemma' bħala 'donnus'
4. Borġ V., IMPORTANT CANONICAL ENACTMENTS ON THE ECCLESIASTICAL BENEFICES OF THE MALTESE ISLANDS; unpublished D.D. Thesis, R.U.M., 1960; p.192-196.
5. Ara Alfie Guillaumier; BLIET U RHULA MALTIN; Mqabba; p.281-282.
6. Ara A. Manġion u K. Żerafa "STA. KATARINA": il-festa u s-soċjeta' mużikali taghha fiż-Żurrieq"; Taqsima A; p.3.
7. Ara Alfie Guillaumier; BLIET U RHULA MALTIN; Mqabba; p. 281-282. Din il-qanpiena saret fi żmien il-Kappillan Dun Karm Bianco u ġiet tiswa £530; ħallsu għaliha l-aħwa Monsinjuri Ghigo.
8. Ara Alfie Guillaumier; BLIET U RHULA MALTIN; Mqabba; p. 283-284.
9. Ibid. p. 284, 286, 287

L-aktar ħaġa mportanti li tista' tagħti lil uliedek hi l-imħabba.



Meta tiftaħ Deposit Account mal-Bank of Valletta f'isem uliedek dawn jibqgħu jafuhulek għal għomorhom.

Bank of Valletta

L-Aqwa Bank f'Malta

# IT-12 T'AWISSU 1992

"...kif, ġejjin il-pilots tar-***Red Arrows*** il-Każin?....tridu tiċċajtaw!". Din kienet il-mistoqsija komuni wara l- ***press release*** li ppublikajna f'paġna 77 tal-programm tal-Festa 1992. Il-kumitat kien ilu f'kuntatt ma Steve permezz tal-membru Carmel Ellul. Kien jonqos biss li t-team aerobatiku jiġi hawn Malta. U ġew, mhux biss Malta iżda kellna x-xorti li narawhom ġo raħalna, propju l-mistednin tas-Soċjeta' tagħna. Mill-kliem ta' tifħir li kellna kif ukoll mill-korrispondenza li rriżultat wara din iż-żjara, laqgħa bħal ma ingħatatilhom ġo l-Imqabba mkien qabel ma kienu esperjenzaw. Jekk għalihom kienet esperjenza unika, għas-Soċjeta' tagħna u b'mod ġenerali għall-Imqabbin kollha kienet ġrajja memorabbli li qatt m'aħna ser ninsew.

Intant, dak in-nhar, wara ġimgħat sħaħ (biex ma ngħidux xhur) ta' preparamenti, kien immiss il-Banda *Maria Mater Gratiae* ta' Ħaż-Żabbar biex tagħmel is-servizz tagħha tat-tieni Tridu. Wara l-Barka Sagramentali, bdiet il-marċ minn quddiem il-każin u kompliet ir-rotta tagħha mat-toroq tar-raħal. Minn ħdax-il membru tal-Kumitat, dak in-nhar spiċċajna tnejn biss immexxu l-marċ, bid-disa' l-oħra jistennew ħin bla waqt il-miġja tal-*coach* bil-piloti. Biss, kontinwament konna qed inżommu kuntatt bejnietna ħalli kemm jista' jkun, il-banda tkun waslet qrib il-pjazza hekk kif jaslu l-mistednin. Għall-ħabta tad-9.30 p.m. wasal il-*coach* fost ferħ u entużjażmu kbir. Hekk kif bdew neżlin bl-iskorta tagħhom, intlaqgħu mill-President u ġew imwassla sal-Każin, fejn iffirmaw il-ktieb tal-viżitaturi. Huma baqgħu skantati bil-każin, u speċjalment bil-kamra tal-Kumitat u bis-sala prinċipali, fejn għamilna l-pittura tal-Konvoj. Bejn flixkun birra w ieħor, dawk kollha preżenti, inkluż ħafna ammiraturi minn barra mir-raħal li ma tilfux opportunita' unika bħal din, kellhom iċ-ċans jitkellmu mall-piloti li, minn naħa tagħhom iffirmaw għexieren ta' *autographs*.

Sadanitant, bl-ordni u d-dixxiplina tal-partitarji li kienu mall-marċ, il-banda waslet quddiem il-każin fejn baqgħet tallegra għall-kumplament tas-serata bil-marċi sbieħ u brijjużi tagħha. Kien f'dan il-ħin li l-President stedinhom biex isegwu l-banda kif ukoll in-nar minn ġol-gallarija. Iżda l-kbir kien għadu ġej għax hekk kif saru d-diskorsi uffiċjali u ġew mibdula xi rigali ta' tifkira, insew is-sigurta' li sa dak il-ħin kienet għada ssegwihom bħal dell, libsu t-*tee shirts* bl-arma tas-Soċjeta' u niżlu jaqbżu u jogħlew mal-partitarji tagħna li kienu mal-marċ. Kienu mumenti verament memorabbli.

Għalkemm għajjenin bix-*show* li kienu taw aktar kmieni wara nofs in-nhar, xorta waħda baqgħu magħna sakemm intemm il-marċ. Anzi riedu jgawdu sa l-aħħar, tant li ħarqu n-nar ta' l-art ukoll. Iżda, bħal kull ħaġa fid-dinja, kull mibdi mitmum, u fost is-so-


From: Flight Lieutenant R W Last RAF

THE ROYAL AIR FORCE AEROBATIC TEAM
THE RED ARROWS

ROYAL AIR FORCE
SCAMPTON
LINCOLN
LN1 2TR

Telephone (0522)730421

Red 7

RAFAT/548/PA

Mr S Evans
Red House
23 St Rocco Road
Kalkara CSP 11
Malta GC

2 March 1993

Dear Stephen

Adrian (the Boss) has asked me to write to you concerning the magnificent evening we had at Mqabba village for the Santa Maria celebrations.

As I am sure you remember a video was taken of this evening which you said you would be able to get a copy of. Apparently, you were going to bring it to Genoa to give to us.

If you could still get a copy of this video and send it to us we would be most grateful as it was without doubt one of the most memorable evenings of the 1992 season.

Thanking you in anticipation

Yours sincerely,

**Waħda mill-ittri li turi s-sodisfazzjon tal-laqgħa tagħna.**

disfazzjon ta' kulħadd, reġgħu twasslu sal-*coach* li ħadhom lura il-lukanda fejn kienu residenti. Mhux qabel iżda ma reġgħu irringrazzjaw lil kulħadd, speċjalment lill-poplu Mqabbi kollu.

Fi triqthom lura lejn il-bażi, kienu ħafna dawk li nnotaw illi għaddew f'formazzjoni u fil-baxx minn fuq raħalna, jitfgħu id-duħħan ikkulurit tagħhom, bħal li kieku jridu jfissru li t-tifkira ta' din il-laqgħa tagħna kienu ser jeħduha magħhom ġo pajjiżhom. L-intenzjoni wara dan l-artiklu żgur m'hijiex waħda ta' ftaħir, anzi l-kontra. Veru ninsabu kburin li konna strumentali f'din l-ġrajja storika għalina iżda fl-istess waqt, ***minn din il-ġrajja tgħallimna lkoll li bl-umilta', bi ftit ħsieb, u fuq kollox bl-għajnuna ta' Santa Marija kollox huwa possibli, anki dawk l-affarijiet li ħafna drabi jidhru diffiċli fil-limitazzjonijiet tagħna.***

*Il-Kumitat Eżekuttiv.*

*(Ara r-ritratti f'paġni 37 u 39)*

# PET CARE

Kull ma trid għall-ġnien u għar-Raba,sustanzi etc.
Għall-Pets Mediċini għall-annimali kollha.
Ġwies u affartijiet għall-kaċċa, insib u sajd,
ħniex ta' Limperjal ta' barra u reels,
qasab, snanar u swivels u
kaxxa tal-plastic tas-sajd etc.
Lanza, spag tan-nar, nasses u dqiq tal-ful etc.

QRENDI ROAD,
ŻURRIEQ.
TEL: 828727

## *Garden of Eden*

*TRIQ IL-BARRIERI, ŻURRIEQ, MALTA.*
*TEL: 683425 (RECEPTION HALL)*

***VIEWING DAYS:***
*TUESDAY & FRIDAY FROM 5.30 p.m. – 8.00 p.m.*
*(RESIDENCE) 680372 (MOBILE) 0997638*





Il-wasla tat-team aerobatiku tar- ***Red Arrows.***



Ritratt ta' tifkira mall-pittura tal-Konvoj.



It-***team leader*** jidher jindirizza l-partitarji u ħafna nies oħra minn barra mir-raħal miġbura quddiem il-każin.

MP Mobilia Penza Ltd.

The Specialists in Antique Furniture.

*Manufacturers & Exporters of Antique & Reproduction Furniture.*





Factory & Showroom:
204A, Industrial Estate, Luqa, Malta.
Telephone: 222094

# ST. PETER'S IRONMONGERY

## TRIQ IT-TROLL, MQABBA.

### TELEPHONE: 680143

Jissupplixxu:
* Kmamar tal-banju
* Madum ta' kull kwalita' u Stil mill-aqwa
* Geysers u Stainless Stell Sinks
* Fittings tad-dawl u ilma
* Asbestos pipes u żebgħa ta' kull kwalita' u oġġetti utli għall-industrija tal-bini.



Xena memorabbli tal-piloti waqt il-marċ jifirħu mall-partitarji tagħna.



It-*team leader* ifittex esperjenza ġdida għalih billi jaħraq in-nar ta' l-art.



Ritratt memorabbli ieħor meħud fil-kamra tal-kumitat, fejn qabel ma ħallewna, il-President ippreżentalhom ***souveniers*** li s-soċjeta' għamlet fl-okkażjoni tal-ġublew tad-deheb tal-ġrajja storika tal-Konvoj ta' Santa Marija.

# MANUEL BEZZINA CO. LTD.

## IMPORT & EXPORT

Żerriegħa tal-Patata
Olandiża bikrija
ta' l-aqwa kwalita'



**LISETA**



*Always Nice and Fresh!*

**MANUEL BEZZINA IMPORTER & EXPORTER OF:**

Fresh Fruits, Table & Seed Potatoes
and other Agricultural Products.

**Office: 23 Liesse Hill, Valletta. Tel: 238558. Fax: 241194. Mobil: 099 7346**
**Residence: "Springfield", Excelsior Street, Gharghur. Tel: 410204, 412587.**

# WIRT IS-SURMASTRIJIET

Artiklu informattiv miġbur minn
Anthony Camilleri, B. Mech. Eng. (Hons.), L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M.

***Din is-sena jaħbat għeluq is-70 sena minn meta żżanżan il-pedestall tal-Inkurunazzjoni kif ukoll il-130 sena mit-twelid tad-disinjatur tiegħu il-bravu u kbir artist Abram Gatt. Dan l-artiklu qed nippreżentah bħala tifkira u, aktar minn hekk, bħala apprezzament lejn dawn missirijietna li ħallewlna wirt hekk imprezzabbli,....ta' vera Surmastrijiet.***

## *Min kien Abram Gatt.* [1]

Huwa twieled f'Bormla, fl-4 ta' Ottubru 1863, minn Ġużeppi Gatt u Reġina Cassar. Tgħammed f'Bormla u tawh l-ismijiet ta' Laurentius, Abraham u Dominicus. Għal xi raġuni, beda u baqa' juża l-isem Abram.

Kien mgħallem mill-magħruf artist Lazzaro Pisani, kif ukoll minn Karlu Darmanin. Mill-ewwel wera l-ġenju tiegħu li baqa' jurih sa mewtu. Mingħajr ma ntawwal ħafna ngħid li l-fama tiegħu (u opri) xterdu ma' Malta kollha. Diversi knejjes huma mimlijin b'opri tal-fidda u fl-injam fuq disinn tiegħu. Kien ukoll restawratur imfittex ħafna. Ħasra kbira hija li meta waqgħet id-dar tiegħu fi Triq l-Oratorju f'Bormla, inqerdu bosta disinji, abbozzi u pitturi tiegħu.

Abram minħabba l-gwerra, kien ġie evakwat f'Ħaż-Żebbuġ, fejn miet fit-28 ta' Marzu 1944. Huwa ġie midfun fil-qabar tal-Fratellanza tal-Kurċifiss ta' Bormla, fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.



ABRAM GATT

## *L-ewwel armar fl-Imqabba.* [2]

Sal-1918, l-armar tal-Festa ta' Santa Marija kien jikkonsisti biss f'żewġ pilandri antiki (li inċidentalment kienu jintramaw fiż-żewġ festi) kif ukoll erba' trufej li kienu jintramaw f'Santa Marija biss. L-aħwa Ġiovanni u Wenzu Żammit (tal- Mejlaq), Ġiovanni Zammit (ta' Brajnek) u Baskal Gauċi (ta' Pasins) inkarigaw ruħhom li jidħlu għall-ġbir tal-armar u bdew billi ordnaw iż-żewġ statwi ta' Sant' Anna u San Ġwakkin (li narmaw fiz-zuntier) għand ċertu statwarju Mastru Karmnu Mallia minn Ħal -Qormi, u li tħallsu minn Katerina u Marija Camilleri (tal-Giżżu) għas-somma ta' Lm10. Meta Ġiovanni Żammit (ta' Brajnek) u Ġanni Busuttil (ta' Soldi) ġabuhom fuq karettun tal-molol minn Ħal -Qormi, tant intgħoġbu li f'qasir żmien inġabru l-flus kollha għas-sett tal-Appostli u tal-Anġli. Biex l-ispejjeż jonqsu, il-pedestalli tagħhom saru mill-injam tal-kaxxi tal-fajjenza u minn twavel ħoxnin, li nkarigaw ruħhom li jisserawhom Ġużeppi Galea (ta' Krafes) ma oħrajn li jifhmu. Għax-xogħol tagħhom inkariga ruħu Ġiovanni Ghigo li kien daħal apprentist it-tarzna u kellu ***Instructor*** tiegħu ċertu Drago mill-Birgu li għamillu disinn għalihom. Wara x-xogħol, Ġanni ntefa' b'ruħu u ġismu sa tard bil-lejl fuq il-pedestalli, mgħejjun minn Ċensu Psaila (ta' Dolor) u minn min kien jaf imidd xi ftit idejh fix-xogħol. L-iskultura tal-pedestalli saret għand Piju tal-Kalkara filwaqt li d-dekorazzjoni saret minn Karmnu ta' Ħ'Attard.

....ikompli f'paġna 43

## The excitement of Travelling starts before you leave

# Bon Voyage...




# with Mid-Med Bank!

Take your mind off money matters - Mid-Med Bank offers all travellers a comprehensive service when it comes to money and other financial arrangements you may need during your travels abroad.

- ✓ *Foreign Currency for most countries.*
- ✓ *Travellers' Cheques available in various currencies.*
- ✓ *Visa and Eurocard - credit cards to make your overseas payments easier.*
- ✓ *Eurocheque Card / Cheques - to pay by cheque in the currency of the country you are in.*

**Mid-Med - *Better Banking for You***

**Mid-Med Bank**

***A Network of Branches throughout Malta and Gozo***

**Get a good start for your holiday. Call at any Mid-Med Branch for your Travel Money. Selected Branches offer Foreign Exchange Services also in the afternoon.**

### *Ġanni Ghigo u Abram Gatt.*

Meta l-mibki iżda qatt minsi ex-President tas-Soċjeta' tagħna Ġiovanni Ghigo tħarreġ sew fuq il-pedestalli kif ukoll b'konsegwenza tal-esperjenza ta' xogħol taħt Mastru Abram Gatt, li kien iċ-***Chargeman*** tiegħu it-Tarzna, beda l-proġett ambizjuż tal-Pedestall tal-Inkoronazzjoni, mgħejjun mill-aħwa Innocenzo u Giuseppe Psaila. Għal din l-opra, li oriġinat minn Baskal Gauċi (ta' Pasins) u li semmejt aktar il-fuq, ħarġu Lm25 kull wieħed Mikiel Żammit (tal-Mejlaq), Katerina Camilleri (tal-Giżżu), l-aħwa xebbiet Inguanez u l-kumplament inġabru mill-membri tal-Każin bis-sold ta' kull nhar ta' Ħadd. L-istatwi tal-Inkoronazzjoni ħallashom Emanuel Sciberras (tal-Kalora) u qamu Lm20, filwaqt li l-figuri femminili mill-Antik Testment li jirrappreżentaw il-Madonna qamu Lm10. Mastru Karm ħadem dawn l-istatwi mill-kartapesta mimlijin tant ħajja u naturalezza, fuq il-mudelli tal-famuż statwarju Senglean Karlu Darmanin. L-iskultura abbondanti u fina saret ukoll minn Piju tal-Kalkara u qamet Lm20.



GIOVANNI GHIGO

Għalhekk kif tistgħu taraw, barra s-sbuħija tagħha, din l-opra għandha valuri oħra marbutin magħha: preċiżament it-tifkira ta' dawk kollha li taw sehemhom u ħadmuh b'tant sagrifiċċji u li għalkemm ħallewna, għandna x-xorti ngawdu ħidmiethom. Jien, li llum jiskantani huwa kif biċċa armar hekk imponenti nħadmet kollha l-każin l-antik ( li dak iż-żmien kien bieb ma bieb ma fejn qiegħdin issa), f'post hekk żgħir, bil-minimu tal-għodda li kienet teżisti dak iż-żmien, u jġibuh hekk tal-qies f'kollox. Dan qed ngħidu għax minn sena għall-oħra, kull min ikun magħna waqt li nkunu narmawh jaf b'liema eżatezza jridu jitpoġġew dawk il-partijiet kollha li minnhom jikkonsisti biex f'għoli ta' 'l fuq minn żewġ sulari ma jkollok ebda avarija u jaqbel kollox.

### *Restawr.*[3]

Tul dawn is-70 sena, kienu żewġ okkażjonijiet li fihom inħass il-bżonn li jiġi rrestawrat. Fl-1967 sar l-ewwel wieħed minn xi membri tas-Soċjeta' fil-maħżen tal-Kappella ta' San Bażilju. Aktar riċenti u niftakru jsir jiena stess huwa dak li sar fl-1987, fl-istess post, taħt it-tmexxija ta' Joe Sciberras. Ir-ridekorazzjoni saret minn John Pace ta' Marsaxlokk. **(Ara r-ritratt f'paġna 45).**

### *Għeluq.*

L-istorja turina biċ-ċar li tul dan iż-żmien kollu, il-pjazza ta' l-Imqabba dejjem kienet imżejna bl-aqwa armar fil-festa titulari ta' Santa Marija. L-aqwa mhux biss għax sabiħ iżda aktar għall-valur storiku u artistiku tiegħu minħabba s-sehem dirett fih ta' tant nies li l-istorja tal-arti kontemporanja Maltija tqishom bħala l-ewlenin nett. Is-Soċjeta' tagħna għandha tkun kburija b'dan ix-xogħol u huwa dmirna lkoll li nieħdu ħsiebu ħalli dan il-wirt is-Surmastrijiet jibqa' jitgawda mill-ġenerazzjonijiet li jsegwuna.

### *Referenzi:*


1. Clews C., Artist kbir: Abram Gatt, it-Torċa, Marzu '93.
2. Zammit E. (tal-Gross), 1/6/84, informazzjoni mħollija qabel miet.
3. Programm tal-Festa ta' Santa Marija, 1987, paġna 19.


FAVOURITE
TEACHER'S
HIGHLAND CREAM
Perfection of Old
SCOTCH WHISKY



PRO

FESTA SA

MQAB

## FUNZJONIJIET FIL-KNISJA

**Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina**

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni, Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tnejn, 9 ta' Awissu - Ħruġ tal-Istatwa**

7.30 p.m. Ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija. Kant ta' l-Innu "Ave Maris Stella" u Antifona.

**It-Tlieta, 10 ta' Awissu - Tifkira tas-Soċji u Benefatturi mejtin**

6.30 p.m. Quddiesa mill-W.R. Dun Joe Bartolo Kappillan tal-Parroċċa b'sufraġju għall-erwieħ, ta' ħutna s-Soċji u Benefatturi mejtin.

**L-Erbgħa, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu**

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-W.R. Arċipriet Lawrenz Mifsud, bl-omelija "Marija Mtellgħa' s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem".

7.15 p.m. Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ħamis, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-W.R. Mons. Bert Bezzina, bl-omelija "Marija Sultana tas-Sema u tal-Art".

7.15 p.m. Kollox bħal jum ta' qabel.

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Awissu - It-Tielet Jum tat-Tridu**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni.

6.30 p.m. Quddiesa Kantata Speċjali għall-Morda u l-Anzjani tal-Parroċċa, mill-W.R. Mons. Innoċenz Borġ, bl-Omelija "Marija Saħħa tal-Morda". Fl-istess Quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dlik tal-Morda.

7.45 p.m. Kollox bħal jum ta' qabel.

## ĊELEBRAZZJONIIET ESTERNI

**Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina**

7.30 p.m. Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija tas-Surmast/Direttur tagħha Mro. A. Camilleri L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M. tesegwixxi Programm ta' Marċi fil-Pjazza tal-Knisja, quddiem il-każin.

**Fil-Ġranet tal-Kwindiċina**

8.00 p.m. Mixgħela tal-Każin tas-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**It-Tnejn, 9 ta' Awissu - Ħruġ ta' l-Istatwa**

7.30 p.m. Toħroġ l-Istatwa Artistika ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, li tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V, bid-daqq ta' l-"Ave Maria" u bl-Innu Marċi. Wara, l-istess Banda, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Camilleri L.Mus.V.C.M., A Mus. L.S.M., tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'sett ta' marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk: Triq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, Triq il-Ħarriġiet, il-Konvoj ta' Santa Marija, Dawret l-Imqabba, Triq il-Kileb, iċ-Ċavi, San In noċenzju, Santa Katerina, Santa Marija, Mikiel Anġ Sapiano, il-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ċiantar, u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.

**It-Tlieta, 10 ta' Awissu - Jum it-Tifkira**

8.00 p.m. Isir riċeviment fis-Sala tal-Każin u li għalih huma mistiedna **is-Soċji, Partitarji u Benefatturi nisa u rġiel kollha.**

**L-Erbgħa, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu**

8.15 p.m. Il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni tas-Surmast/Direttur tagħha Mro. A. Camilleri L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M. iddoqq l-Innu tal-Banda, kompożizzjoni ta' l-istess Surmast, quddiem il-Każin, u wara tkompli tferraħ dawn it-toroq li ġejjin b'sett ta' marċi birjużi: San Bażilju, il-Lanġas, Valletta, il-Parroċċa u jispiċċa fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin, fejn l-istess Banda taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur tagħha, tesegwixxi Programm Mużikali.

**Il-Ħamis, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu**

8.15 p.m. Il-Banda "Maria Mater Gratiae" ta' Ħaż-Żabbar, taħt it-tmexxija ta' Mro. Raymond Sciberras F.L.C.M., L(Mus) L.C.M., tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-każin u jkompli hekk kif ġej: Triqil-Ġilju, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, is-Saljaturi, Ħal-Kirkop, il-Murselli, il-Konvoj ta' Santa Marija, Diamond Jubilee Square, Triq Santa Katerina u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.

AMM

A MARIJA

1993

**Is-Sibt, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa.**

| | |
|---|---|
| 8.15 a.m. | Quddiesa Kantata Solenni mill-W.R. Dun Joe Bartolo, Kappillan tal-Paroċċa. Kant tat-Te Deum, Innu u Antifona. |
| 6.30 p.m. | Transulazzjoni Solenni tar-Relikwija, immexxija mill-W.R. Mons. Carmelo Żammit. Quddiesa Solenni mill-W.R. Patri Joseph Ghigo S.J., Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. |

**Il-Ħadd, 15 t'Awissu - Jum il-Festa.**

| | |
|---|---|
| 6.00 a.m. | Quddiesa Letta. |
| 7.00 a.m. | Quddiesa Letta. |
| 8.00 a.m. | Kant Solenni tal-Lawdi. |
| 9.00 a.m. | Konċelebrazzjoni Solenni u Pontifikali mmexxija mill-W.R. Mons. Carmelo Żammit, li jinseġ ukoll il-Paniġierku. |
| 10.30 a.m. | Quddiesa Letta. |
| 11.30 a.m. | Quddiesa Letta. |
| 12.30 p.m. | Quddiesa Letta. |
| 6.00 p.m. | Sekondi Vespri Solenni mill-W.R. Mons. Carmelo Żammit, Salve u Litanija. |
| 7.15 p.m. | Proċessjoni bl-Istatwa Artistika tal-Patruna tal-Parroċċa, mmexxija mill-istess Monsinjur. |
| 10.15 p.m. | Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. |

**N/B.**

**(1) Is-Sibt, lejliet il-Festa, fil-għodu u fil-għaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-qrar.**

**(2) Il-Mużika tat-Tlett Tridijiet, lejliet u nhar il-Festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-W.R. Patri Salv. Galea, O.P.**

**22 t'Awissu - L-Ottava tal-Festa**

| | |
|---|---|
| 6.30 p.m. | Quddiesa Kantata Solenni, Reposizzjoni tar-Relikwija, Te Deum, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. |

---

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Awissu - L-Aħħar Jum tat-Tridu**

| | |
|---|---|
| 8.30 p.m. | Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Camilleri L. Mus. V.C.M., A. Mus, L.S.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha, fost il-briju kbir tal-partitarji. Il-marċ jibda' minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej:Triq il-Karmnu, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-każin. |

**Is-Sibt, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa**

| | |
|---|---|
| 7.30 p.m. | Marċ mill-Banda "12th May" ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt it-tmexxija ta' Mro. Raymond Fenech F.L.C.M., li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej: Triq San Bażilju, il-Lanġas, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, San Bażilju għall-Pjazza. |
| 8.30 p.m. | Marċ mill-Banda "Queen Victoria" taż-Żurrieq li jibda' minn Triq il-Pal, u jkompli għal Triq it-Troll, is-Sejba, Santa Katerina sal-Pjazza tal-Knisja. |
| 10.00 p.m. | Hekk kif iż-żewġ Baned jaslu fil-pjazza, ikomplu jdoqqu wara xulxin. |
| 10.30 p.m. | Taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farruġia A. (Mus) L.C.M., il-Banda "Queen Victoria" taż-Żurrieq tesegwixxi Programm Mużikali. |

**Il-Ħadd, 15 ta' Awissu - Il-Għid ta' l-Assunta**

| | |
|---|---|
| 10.15 a.m. | Wara d-Daqq tal-Glorja, il-Banda Re Ġorġ V, tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal Triq il-Ġilju, Troll, Sejba, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, San Innoċenzju, Santa Katerina, San Bażilju, il-Lanġas, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, għall-Pjazza quddiem il- Każin. |
| 6.00 p.m. | Il-Banda "Queen Victoria" taż-Żurrieq tagħmel marċ li jibda minn Triq Valletta għal Triq il-Karmnu, il-Pjazza tal-Knisja u Triq id-Duluri. |
| 7.15 p.m. | Toħroġ il-purċissjoni bl-Istatwa Artistika ta' Santa Marija, xogħol l-istatwarju famuż Xandru Farruġia. Il-Banda "Anici" ta' Ħal-Qormi tilqa' l-Istatwa fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-"Ave Maria" u bl-Innu Marċi, biex wara takkumpanjaha mad-dawra tal-purċissjoni. Il-Banda "Queen Victoria" taż-Żurrieq tkompli l-marċ tagħha minn Triq il-Parroċċa sal-Pjazza quddiem il-Każin, fejn hekk kif tasal l-Istatwa, tesegwixxi **INNU LILMAR IJA MTELLGĦA S-SEMA**, versi ta' Patri J.M. Ghigo S.J. u mużika ta' Mro. G. Martin A. (Mus) L.C.M., O.S.T.J. Ikantaw it-Tenur Brian Ċefai u l-Baritonu Joe Huber L.R.S.M., flimkien mal-Kor tax-Xebbiet tas-Soċjeta'. L-istess Banda wara tkompli l-Programm Mużikali tagħha. |
| 10.15 p.m. | Il-Banda "Anici" tagħlaq il-Festa b'marċ li jibda minn Triq il-Parroċċa għall-Pjazza tal-Knisja quddiem il Każin. |

**il-Ħadd, 22 ta' Awissu - L-Ottava tal-Festa**

| | |
|---|---|
| 8.00 p.m. | Lejla Maltija bis-sehem ta' talent lokali. Ikun hemm ukoll ikel tradizzjonali Malti. |



# IT-TIFKIRA TAL-KONVOJ TA' SANTA MARIJA

## Rapport minn Korrispondent

Bla dubju ta' xejn, is-Soċjeta' Santa Marija tal-Imqabba ser tibqa' imfakkra bħala mill-ewlenin fil-gżejjer tagħna li fakkru l-50 Anniversarju mill-ġrajja storika tal-*Convoy* ta' Santa Marija hekk bil-kbir u kif jixraq. Dan mhux l-Imqabbin biss qaluh iżda l-mijiet kbar ta' Maltin u barranin li għoġobhom iżuru l-raħalna tul il-Festa li għaddiet.

Intant, taħt il-Patroċinju tal-E.T. Dr. Ċensu Tabone , President ta' Malta u s-sinjura tiegħu, nhar it-30 ta' Lulju tnediet serata ta' tifkira, bis-sehem attiv tal-banda tas-Soċjeta' li taħt it-tmexxija għaqlija ta' Mro. Anthony Camilleri esegwiet b'eżattezza xogħolijiet ta' Rossini, Schubert, Puccini, Strauss u Verdi, fost l-oħrajn. Il-Banda kienet ippreparata sew u l-idjoma mużikali tipika ta' kull kompożitur u xogħol differenti ġiet imħarsa sa l-iċken dettal. Ta' dan ħaqqhom kull tifħir il-bandisti kollha, iżda b'mod partikolari dawk tal-post, li segwew sewwa l-istruzzjonijiet tas-surmast tul is-sena kunċerti li kienu wettqu.

Wara li ntemmet il-parti mużikali tas-serata, kien imiss lis-Sur Alfred Camilleri sabiex jaqra poeżija sabiħa ferm, miktuba apposta għall-okkażjoni minn Dr. Oliver Friġġieri. Fi tmiem l-indirizz mill-President tas-Soċjeta' s-Sur Carmel Żahra, huwa stieden lill-E.T. President ta' Malta sabiex jagħmel diskors tal-okkażjoni, fejn fih huwa emfasizza kemm hu tajjeb li jsiru tifkiriet bħal dawn ta' meta l-poplu Malti kollu, magħqud fis-solidarjeta' u fit-talb irnexxielu jegħleb mumenti hekk koroh, bl-għajnuna u l-fiduċja f'Ommna Marija Assunta. Bis-solitu karatteristika tiegħu ta' Malti anzjan li ġarrab, l-E.T. spjega minn xhiex għadda l-poplu Malti tul dawk is-snin ta' ġuħ u għaks iżda li qatt ma qatgħu qalb il-Malti li kien magħqud aktar minn qatt qabel, b'referenza għad-diffikultajiet tal-lum li għalkemm taħt forom oħra, xorta qed jheddu l-eżistenza tal-familja u għalhekk tan-nazzjon.

Kien imiss wara li jsir il-kxif tal-pedestall ta' Santa Marija, xogħol l-iskultur Żebbuġi Lawrence Attard u sponsorjat mill-familja Ellul, benefatturi kbar tas-Soċjeta'. Il-kxif, bħal dak tal-Lapida Kommemorattiva kif ukoll tal-pittura tal-*Convoy* aktar tard, sar mill-Presidnet ta' Malta u tbierku mill-Vigarju Ġenerali Emeritus Monsinjur Carmelo Xuereb. Fost entużjażmu u ferħ kbir minn dawk kollha preżenti, feġġet minn taħt il-bandiera tas-Soċjeta' pittura mill-isbaħ tal-bravu pittur Għawdxi Kav. Paul Camilleri Cauchi, **(ara r-ritratt fil-paġna biswit)** li kif kellu x-xorti jispjega, stqarr li hija l-unika tax-xorta tagħha ġo pajjiżna. Hawnhekk ma niştax ma nagħtix il-prosit tiegħi lill-aħwa Michael u John Ghigo talli ħarġu l-ispejjeż għal biċċa xogħol hekk sublimi u li ser tibqa' titgawda minn uliedna u minn ulied uliedna. Wara li tqassmu xi rigali u *souveniers* oħra fosthom lill-President ta' Malta, lill-Vigarju Ġenerali, lill-Presidenti Onorarji Dr. Louis Galea, lis-Sur Leonard Farruġia u lis-Sur Joseph Farruġia, lill-benefatturi ewlenin aħwa Ellul u Ghigo, lis-Sur Paul Camilleri Cauchi kif ukoll lis-Surmast, ingħata bidu għall-aħħar parti tas-serata, jiġifieri r-riċeviment. F'dan il-ħin ukoll, il-membri li jiffurmaw l-għaqda tan-nar fi ħdan is-Soċjeta' taw il-kontribut ferm magħruf u mistenni tagħhom b'wirja ta' logħob tan-nar.
**(Aktar ritratti f'paġni 51 u 53).**

Meta l-ħin beda jagħfas sew, il-President ta' Malta, akkumpanjat mill-President tas-Soċjeta' u membri oħra tal-Kumitat qatta xi ftit ħin fil-privat fil-kamra tal-Kumitat, minn fejn telaq għall-Palazz ta' San Anton, iżda mhux qabel ma sew l-E.T. kif ukoll is-sinjura tiegħu għoġobhom jiffirmaw il-ktieb tal-viżitaturi.

Nagħlaq dan ir-rapport qasir tiegħi billi l-ewwel u qabel kollox nifraħ lill-Kumitat Eżekuttiv ta' l-organiżżazzjoni li ħejja, mhux biss waqt din is-serata' memorabbli iżda tul il-ġranet tal-Festa kollha. Għalkemm ielni nieqes mill-Imqabba, biss dejjem kont naf bl-umilta' u bid-dedikazzjoni ta' nies bħal dawn li dejjem jaħsbu u jaħdmu biex jgħollu isem is-Soċjeta' tagħna u tal-Imqabba fuq l-għola pedestall, mingħajr ħafna ftaħir u paroli żejjed. J'Alla jibqa' jkollna nies bħal dawn għax b'hekk biss niżguraw l-eżistenza dejjiema tas-Soċjeta' li tagħha aħna nagħmlu parti. Nirringrazzja wkoll lil kull min kellu sehem biex din it-tifkira hekk memorabli tibqa' mfakkra f'isem tal-aktar Triq importanti ġo raħalna, jiġifieri l-ex *Mqabba By-Pass* li appuntu ingħatat l-isem ferm sabiħ u jixirqilha ta' Triq il-***Konvoj ta' Santa Marija***. B'hekk kull minn jgħaddi minn din it-triq jibqa' jġib quddiem għajnejh l-intervent Mirakuluż ta' Marija Assunta li salvatna minn tant gwaj u tiġrib, kull meta l-poplu Malti irrikorra lejHa.

***Settembru '92***




# ANDREWS FEEDS (MALTA) LTD.

Taħlita ta' ċereali, ful u żrieragħ ta' kwalità maħsuba biex iżżomm il-ħamiem f'saħħtu u f'kundizzjoni tajjeb, tagħti dik l-enerġija u dawk is-sustanzi meħtieġa kemm waqt it-tiġrija fit-taħlita magħrufa bħala HOMEFIRST kif ukoll fit-trobbija fit-taħlita magħrufa bħala HOMEBRED.

**ANDREWS FEEDS (MALTA) LTD**
PROVENDER MILLERS
VALLETTA ROAD, LUQA.
Tel:236970 - 241735 - 243492 - 247202



Il-Banda Re Ġorġ V tilqa' l-Vigarju Ġenerali Emeritus Monsinjur Carmelo Xuereb bid-daqq tal-***Inno Pontificio***

Il-wasla tal-E.T. President ta' Malta u s-Sinjura tiegħu.





Il-Banda tesegwixxi l-Innu Malti hekk kif l-E.T. President ta' Malta ħa postu.

L-ewwel parti tas-serata bis-sehem attiv tal-Banda tas-Soċjeta' Santa Marija, taħt id-direzzjoni ta' Mro. A. Camilleri, L. Mus V.C.M., A. Mus. L.S.M.



# PRIME LTD.

PRIME

**HAM, BACON, MORTADELLA, SAUSAGES, BURGERS, GROUNDBEEF, PIES**

Produced by **PRIME LTD.** Mgieret Road, Marsa, Malta. Tel: 222291/2

# MALLIA PETROL STATION

## PJAZZA SAN NIKOLA, SIĠĠIEWI - TELEPHONE: 467764

**Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla sa' għand MALLIA PETROL STATION fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karrozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karrozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm 18.50.**

**Kif ukoll:**

* Silencers għall- karozzi kollha
* Crash Helmets kbar u żgħar
* Kull kwalita' ta' żjut
* Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
* Għodod
* Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
* Aċċessorji u spare parts ta' kull kwalita' tajba
* Għandek issib ukoll muturi u karozzi għall- bejgħ.



L-E.T. Dr. Censu Tabone, President ta' Malta, jagħmel id-diskors tal-okkażjoni.



Isir il-kxif u t-tberik tal-Pedestall ta' Santa Marija ta' fuq il-każin, sponsorjat mill-benefatturi kbar tas-Soċjeta' tagħna ***l-aħwa Ellul (ta' Katrinu).***



Il-President ta' Malta wara kixef il-Lapid Kommemorattiva, li tbierket mill-Vigarju Ġenerali EmeritusMonsinjur Carmelo Xuereb.



Il-qofol tas-serata meta l-E.T. kixef il-pittura tal-***Convoy*** ta' Santa Marija,sponsorjat mill-benefatturi oħra kbar tas-Soċjeta' tagħna l-aħwa **John u Michael Ghigo (ta' Pataw).**

## POL MIX

Manufacturers of precast hollow concrete blocks, paving slabs and other concrete products.
The plant is fully automated using the latest technology and is capable of producing 8000 blocks per day to a international standards.





## EAGLE BEAMS LTD

Fast-growing, establishing itself as one of the leading manufacturers of precast, prestressed concrete roofing slabs.
Capacity: 300 sq.m. per day.





# POLIDANO GROUP

**Hal-Farruġ Road, l/o Luqa LQA 05, Malta. Tel: 244520, 244539, 244241. Fax: 244200.**

# PETER ILYICH TCHAIKOVSKY
# EDWARD GRIEG

## IL-KOMPOŻITURI TAS-SENA

*Din is-sena, id-dinja mużikali qed tfakkar żewġ anniversarji importanti: il-mitt sena mill-mewt tal-kbir kompożitur Russu Peter Ilyich Tchaikovsky kif ukoll il-mija u ħamsin sena mit-twelid ta' kompożitur famuż forsi mhux daqsu, jiġifieri n-Norveġiż Edward Grieg. Bħal kull sena, is-surmast tagħna Mro. A. Camilleri, L.Mus V.C.M., A. Mus. L.S.M., tlabnieh jagħtina ftit tagħrif fuq dawn iż-żewġ kompożituri. Sa minn meta aħna, il-kummissjoni banda, nidejna din il-paġna fil-programm ta' sentejn ilu, dejjem kellna kliem ta' inkoraġġiment minkom qarrejja biex nibqgħu ninkluduha, l-ewwel nett minħabba li tagħrif ta' din ix-xorta ftit jeżisti bil-lingwa tagħna u t-tieni minħabba l-fatt li l-preżentazzjoni tal-kontenut dejjem kienet waħda sempliċi u intenzjonata biex tiftiehem saħansitra anke minn dawk fostkom li qatt ma tgħallmu xejn dwar l-istorja tal-mużika - wara kollox dak hu l-iskop tagħna li nedukaw. Nieħdu din l-opportunita' biex nirringrazzjaw lis-surmast tal-impenn tiegħu sabiex dan l-iskop t'edukazzjoni nwassluh b'suċċess minn sena għall-oħra.*

Kienet ideja tajba li ta' kull sena, il-kummissjoni banda tinqeda' b'xi anniversarju biex twassal tagħrif fuq kompożituri differenti. Aħna, li aħna midħla tal-istorja mużikali konna nafu b'dawn iż-żewġ anniversarji iżda naħseb li ħafna minnkom qajla semgħu bihom tul din is-sena. F'dawn il-ftit paragrafi li ġejjin ser nagħti ħarsa ħafifa lejn il-ħajja ta' dawn iż-żewġ kompożituri. Nibda b'Peter Ilyich Tchaikovsky.

Dan il-kompożitur Russu, meqjus bħala esponent ewlieni tal-mużika romantika f'pajjiżu, twieled minn familja medja-klassi fis-7 ta' Mejju, 1840 ġewwa ***Kamsko-Votinsk***. Kien tifel delikat għall-aħħar u b'widna eċċezzjonali. Wara li fl-1850, il-familja tiegħu marret tgħix f'***St. Petersburg***, beda jirċievi l-edukazzjoni ġenerali tiegħu hemmhekk, iżda ftit li xejn kienet tinteressah il-mużika. Mingħajr ebda għajnuna u edukazzjoni mużikali, beda jikkomponi xi ħaġa żgħira fl-eta' ta'14-il sena. Wara li ggradwa fil-ġurisprudenza, fl-1859 daħal jaħdem fil-ministeru tal-ġustizzja. Fl-1861, siefer barra l-pajjiż fejn beda jonfoq kull sold li kien ikollu fil-but, liema vizzju baqa' jkaxkar miegħu tul ħajtu kollha. Ta' 21 sena ħa l-istudju tal-mużika bis-serjeta' tant li bis-saħħa ta' Nicolai Zaremba, hekk kif Anton Rubinstein fetaħ il-Konservatorju ta' ***St. Petersburg***, daħal jistudja hemm. Rubinstein mill-ewwel induna li Tchaikovsky, li issa kien irriżenja minn xogħolu (1863), kellu talent mużikali kbir u ħa interess personali fih. Jekk bħala kompożitur kien stilla, daqstant ieħor bħala direttur tal-orkestra kien diżastru totali, sforz il-biża' u l-mistħija li kellu. Minn hawn il-quddiem, qatta' ħajtu jgħallem u jikkomponi ħafna mużika, fosthom sitt sinfoniji, tlett kunċerti għall-pjanu u orkestra, kunċert għall-vjolin u orkestra, diversi opri fosthom ***Eugene Onegin*** (1878) u ***The Queen of Spades*** (1890), li għadhom ferm popolari anki fi żmienna. Mill-pinna mużikali tiegħu ħareġ xogħol ieħor bħall-***Overture*** tant famuża ***l-1812***, ***il-Capriccio Italien*** (1880) kif ukoll tlett balejiet ***The Swan Lake*** (1876),



PETER ILYICH TCHAIKOVSKY

***....ikompli f'paġna 57***


CISK
LAGER
...a taste of success.

***The Sleeping Beauty*** (1889) u ***The Nutcracker*** (1892).

Iż-żwieġ tiegħu ma tfajla grazzjuża bl-isem ta' Antonina Ivanova Miliukova ma' tantx saddad (9 ġimgħat biss!) u sa anki pprova joqtol lilu nnifsu b'idejh biex jeħles minnha. Għal kuntrarju, fl-istess sena (1877), ċertu armla sinjura, bi ħdax-il ulied, iżda li kienet tħobb ħafna l-mużika tiegħu, offrietlu l-għajnuna finanzjarja tagħha biex ikun jista' jikkomponi mingħajr inkwiet u taħbil il-moħħ. Din kienet Nadejda von Meck, li offrietlu dan kollu basta qatt ma jiltaqgħu - kienu jiktbu l-xulxin biss.
Minbarra li, kif għidt aktar il-fuq, kien ħali, kellu vizzji oħra bħax-xorb, u l-logħob tal-karti. Bħala kompożituri, kien jadura lil Mozart, kellu ċertu riservi rigward Beethoven u kien jobgħod il-mużika ta' Brahms u Wagner.

Mal-medda taż-żmien, aktar max-xogħolijiet tiegħu bdew isiru popolari fl-Ewropa, aktar beda jsiefer minn pajjiż għall- ieħor. Fl-1890, Tchaikovsky qala' daqqa ta' ħarta kbira meta Nadejda von Meck waqfet tiktiblu u tibgħatlu l-għajnuna finanzjarja li biha kien jgħix. Fl-1891 ġietu l-opportunita jżur l-Amerika, fejn laqtuh ħafna n-nies u d-drawwiet tagħhom. It-28 t'Ottubru tal-1893 rat id-debutt ta' waħda mill-isbaħ sinfoniji li qatt inkitbu, il-***Pathetique*** (No. 6 in Si Minore). Bi traskuraġni, ġimgħa wara miet, wara li qabditu l-kolera għaliex xorob ilma mhux mgħolli.

Kienx jew le l-aqwa kompożitur Russu ma nistax ngħid, iżda jibqa' l-fatt li żgur huwa l-aktar wieħed popolari fosthom.

Fl-istess perjodu romantiku, insibu jgħix il-kompożitur l-ieħor u li dwaru ser nikteb, jiġifieri Grieg. Kien żmien fejn ir-Russja kienet iddominata minn l-hekk imsejjaħ Nazzjonaliżmu fil-mużika, bl-esponenti tiegħu ikunu l-***Mighty Five*** (Glinka, Rimsky-Korsakov, Balakirev, Mussorgsky u Borodin; innutaw li Tchaikovsky ma kienx meqjus magħhom għax il-mużika tiegħu, għalkemm żgur Russu, ixxaqleb ħafna drabi lejn dik tal-Punent.) F'pajjiżi oħra wkoll kien qed jippersiti dan il-moviment, u f'Edward Grieg, insibu kompletament miġbur l-element nazzjonalistiku Norveġiż.

Huwa twieled f'***Bergen*** nhar il-15 ta' Ġunju, 1843. In-nuqqas ta' popolarita' tiegħu meta mqabbel ma kompożituri kontemporanji oħra ġej mill-fatt li x-xogħolijiet tiegħu minn dejjem kienu fuq skala żgħira (per eżempju qatt ma kiteb opri jew sinfoniji) u aqta' għall-famuż kunċert għall-pjanu u orkestra (in ***La Minore***), għall-mużika inċidentali għad-dramm ta' Bjornson u Ibsen, il-***Peer Gynt***, u xi oħrajn, ma tantx għadhom jissemmew.



**EDWARD GREIG**

Ħajtu qattagħha jesperimenta bil-mużika folkloristika Norveġiża. Kontra qalbu, ta' 15-il sena, fuq rakkomandazzjoni tal-vjolinista kompatrijott tiegħu Ole Bull (1810-1880), intbagħat jistudja l-mużika fil-konservatorju ta' ***Leipzig***. Kien mużiċist komplut fis-sens li kien kompożitur, pjanista tajjeb, kif ukoll direttur tal-orkestra. Wara sensiela ta' dehriet bħala pjanista f'pajjiżu, fl-1862 mar Copenhagen fejn iltaqa' mall-kantanta u kuġina tiegħu Nina Hagerup u żżewwiġha. Wara li rritorna lura f'pajjiżu ma waqaf qatt milli jagħti l-kontribut mużikali tiegħu lil pajjiżu, tant li fi ftit snin stabbilixxa ruħu bħala l-aqwa talent fin-Norveġja. Kien ħabib kbir ta' Liszt, li wkoll kellu x-xorti jiltaqa' miegħu f'Ruma fl-1869 u jurih il-partitura tal-kunċert tal-pjanu li semmejt qabel. Aktar ma mmatura fl-arti mużikali, aktar żdiedet ħidmietu f'dan il-qasam: kien żmien meta kien idur l-Ewropa jagħti l-kunċerti fuq il-pjanu bil-mużika tiegħu. Qabel mar l-Ingilterra, nhar it-3 ta' Settembru tal-1907, fuq ordni tat-tabib personali tiegħu iddaħħal l-isptar, ibati minn marda fil-pulmun, u l-għada miet.

Bla dubju ta' xejn, għalkemm limitat ħafna f'xogħolijietu, dak li għamel Grieg fil-kamp mużikali m'għamlu ħadd. Kellu armonija kromatika brillanti, u kienu ħafna dawk li ġew warajh u li għamlu użu minnha jew komplew fuqha: każ tipiku huwa Debussy.

***Anthony Camilleri,***
***L. Mus. V.C.M., A. Mus. L.S.M.***
***Mejju '93.***

SCICLUNA FLORIST



Garden Centre
Bronja Street
Żurrieq
Tel: 829621

For:... Weddings, Engagements, Parties, Souvenirs, etc...

**LINDA STORES**

**Mons. P.P. Saydon Str., Żurrieq**

**Tel: 827215**
***Prop. P. Cardona***

**Għal dak li tiġi bżonn biex tarma darek,**
**l-ewwel asal wasla sa LINDA STORES - Żurrieq**

**hemm issibu:**

**Varjeta' ta' Linef tal-Kristall u tal-Bronze**
**Stock varjat ta' Fridges - Cookers - Washing Machines**
**Mixers - Videos & Colour Televisons.**
**Minbarra ħafna rigali sbieħ u oġġetti oħra.**
**Kollox bi prezzijiet imraħħsa**
**Ħlas bin-nifs aċċettat.**

# PROGRAMM TAL-ĦRUQ TAN-NAR



Is-*Second Generation* ta' *Computer* li d-dilettanti tan-nar ta' l-art tas-Soċjeta' ħolqu fl-1988, wara l-hekk imsejjaħ *Calculator* ta' għaxar snin ilu ( 1983 ).

**Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju - Ftuħ tal-Kwindiċina.**

7.15 p.m. Mad-Daqq tal-Barka Sagramentali, isir ħruq ta' Murtali tal-Bomba, Kaxxa Nfernali u Murtaletti bil-Logħob.

**It-Tnejn, 9 ta' Awissu - Ħruġ ta' l-Istatwa.**

8.00 a.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti.
12.00 p.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti.
7.30 p.m. Ħruq ta' Salut, Musketterija, Kaxxa Nfernali u Murtaletti bil-Logħob.
9.30 p.m. Ħruq ta' Blalen, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur.
11.00 p.m. Ħruq tal-Logħob tan-Nar ta' l-Art.

**L-Erbgħa, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu.**

8.00 a.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti.
12.00 p.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti.
8.15 p.m. Ħruq ta' Musketterija, Kaxxa Nfernali u Murtaletti bil-Logħob.
9.30 p.m. Ħruq ta' Blalen, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur.

**Il-Ħamis, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu.**

Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Awissu - It-Tielet Jum tat-Tridu.**

8.00 a.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti.
12.00 p.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti.
8.30 p.m. Ħruq ta' Musketterija, Kaxxa Nfernali u Murtaletti bil-Logħob.
9.30 p.m. Ħruq ta' Blalen, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur.
11.30 p.m. Ħruq tal-Logħob tan-Nar ta' l-Art.

**Is-Sibt, 14 ta' Awissu - Lejliet il-Festa.**

9.00 a.m. Mad-Daqq tat-Te Deum, ikun hemm ħruq ta' Musketterija, Kaxxa Nfernali u Murtaletti bil-Logħob.
11.45 a.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-Logħob.
6.30 p.m. Toħroġ it-Translazzjoni Solenni. Ikun hemm ħruq ta' Salut, Kaxxa Nfernali, u diversi settijiet ta' Murtaletti bil-Logħob.
9.45 p.m. Spettaklu kbir ta' Logħob tan-Nar ta' l-Ajru li jinkludi: Ħruq ta' Salut tal-Lampjun, Sfejjer bil-Logħob, Blalen, Murtali tal-Beraq Pront/Beraq tal-Kulur bil-Logħob u Murtali tal-Kulur.
11.30 p.m. Wirja kbira ta' Logħob tan-Nar ta' l-Art oriġinali u Mekkaniżat. Wara jkun ħruq ta' Kaxxa tal-Kulur.

**Il-Ħadd, 15 ta' Awissu - L-Għid ta' l-Assunta.**

8.00 a.m. Ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-Logħob.
9.30 a.m. Mad-Daqq tal-Glorja, ikun hemm ħruq ta' Murtali tal-Bomba, Kaxxa Nfernali u Murtaletti bil-Logħob.
11.45 a.m. Il-ħarqa tradizzjonali ta' murtali tal-Bomba segwita mill-ħruq ta' Murtaletti bil-Logħob.
6.00 p.m. Waqt li waħda mill-Baned mistiedna tkun qed tagħmel il-marċ tagħha, jkun hemm ħruq ta' Murtali tal-Bomba u Murtaletti bil-Logħob.
7.15 p.m. Waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni, jiġi sparat Salut. Hekk kif l-Istatwa Artistka tal-Patruna tar-Raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u titkanta l-"Ave Maria", tinħaraq il-Musketterija u l-Kaxxa Nfernali. Wara jkun hemm wirja kbira ta' Murtaletti bil-Logħob, li jakkumpanjaw il-Purċissjoni.
9.30 p.m. Hekk kif jiġi esegwit l-Innu lil Santa Marija Mtellgħa' s-sema, jkun hemm ħruq ta' Blalen, Murtali tal-Beraq Pront u tal-Kulur.
10.15 p.m. Ħruq ta' Kaxxa Nfernali tal-Kulur ma tmiem il-Purċissjoni.

*Bħas-snin l-imgħoddija, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa ta' l-Għaqda Dilettanti tan-Nar "Santa Marija". Il-Kumitat Eżekuttiv jieħu din l-opportunita' biex, f'isem is-Soċji u l-Partitarji kollha, jirringrazzja u juri l-apprezzament kbir u sinċier tiegħu lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda - sew ta' l-Ajru kif ukoll ta' l-Art - u 'l kull min għenhom sabiex dan il-programm seta' jitwettaq. J'Alla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tibqa' tħarishom waqt ħidmiethom fil-Kmamar tan-Nar u waqt il-ħruq.*

KINGFISHER

Bar & Restaurant



Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq – Malta

Tel. 827908

IF IT HAS TO BE BUILT IN FIBREGLASS

WE ARE THE SPECIALISTS

- Water Tanks (360 lt. - 45,000 lt. capacity)
- Food/Wine Vats
- Chemical Resistant Storage Tanks
- Pressure Pipes (75 mm - 900 mm dia.) plus Flanges, Elbows, T's and Reducers
- Solar Heating Systems
- Garden Furniture
- Pleasure and Fishing Boats



*Consult us on any custom built F.R.P. Structure.*

SILVERCRAFT PRODUCTS LTD.

GUDJA RD., GHAXAQ. TLX: 1575 SICRAF MW.

TEL: 878046 /821975

# IL-PLANĊIER ARTISTIKU

## PROĠETT AMBIZJUŻ GĦALL-BANDA TAGĦNA

***Nhar l-20 ta' Ottubru, 1946, waqt seduta ġenerali għas-soċji kollha, tressqet mozzjoni għad-diskussjoni rigward jekk l-orkestra tas-Soċjeta' kienx il-mument li tinbidel f'Banda, minħabba l-progress li jġib iż-żmien. Din it-transizzjoni fil-fatt seħħet meta l-proposta ta' Filippu Psaila u ssekondata minn Ġiovanni Camilleri għaddiet b'44 vot favur, 4 kontra u b'astensjoni waħda.***

Nistħajjilkom tistaqsu: "Imma dan x'għandu x'jaqsam mal-planċier? "

Bdejt dan l-artiklu b'din il-ġrajja storika għalina propju biex nemfasizza l-fatt li l-planċier tagħna ilu li nbeda 47 sena u mhux illum. Għaliex x'jiswa li Soċjeta' li tissejjaħ "mużikali" jkollha l-isbaħ palk għall-banda meta banda tagħha m'għandhiex? Mela l-ewwel punt kardinali li rrid li kulħadd jifhem hu li l-edukazzjoni mużikali hi l-bażi u l-ewwel fażi ta' dan il-proġett u dan, b'wiċċna minn quddiem u mingħajr tlaqlieq, ngħidu li wettaqnieh, qegħdin inwettquh u nibqgħu nagħtuh dik l-importanza u prijorita' li riedu missirjietna sa mit-twaqqif tal-Banda tagħna.

Il-Kumitat preżenti, u li jien għandi l-pjaċir nagħmel parti minnu, għadda għat-tieni fażi ta' dan il-proġett: il-bini ta' maħżen ieħor fejn ser jinħadem il-planċier u eventwalment jintrefa' minn sena għall-oħra. Wara li l-każin kien akkwista biċċa art minn għand l-aħwa benefatturi Ghigo għall-prezz ferm baxx (bl-arja b'kollox li ngħatat b'xejn), wara l-festa li għaddiet inbeda x-xogħol fuq tħammil ta' pedamenti u bini biex f'Ġunju li għadda ingħata s-saqaf. Mingħajr ma naqbeż lil ħadd, nixtieq nirringrazzja:

1. Lis-sur Baskal Ghigo, li mgħejjun mis-sinjuri Carmel Żahra (President), Carmel Briffa (Kaxxier) flimkien ma membri oħra ħadmu bla serħan biex dan ix-xogħol narawh lest fl-iqsar żmien possibli. Grazzi wkoll immur lil membru Benny Camilleri tal-*Crane* li selfilna;



**Ritratt meħud aktar kmieni din is-sena waqt fażi mix-xogħol tal-bini tal-maħżen.**

2. Lill-benefatturi kollha tagħna li ma naqsux li jew iwaddbulna xi *trip* ġebel b'xejn jew anki jdaħħlu jdejhom ġol-but u jgħinuna finanzjarjament;
3. Lis-sur Albert Farruġia tax-xogħol fil-ħadid fuq il-bieb ta' barra u aperturi oħra.

Mingħajr din l-għajnuna, żgur ma konniex naslu s'hawn.

Il-Malti jgħid: "Qis mitt darba w aqta' darba". Dan il-proverbju nħobbu natwawh: l-aħħar eżempju huwa propju fl-għażla tad-disinn tal-planċier. Ippermettuli nuża proverbju ieħor: "Alla jlaqqa`". Ma naħsibx li kienet koinċidenza li ltqajna mad-disinjatur tagħna s-sur Ġużeppi Caruana, bniedem ta' l-affari tiegħu, fitt f'xogħolu u fuq kollox lest jisma' kull opinjoni. Bħal fil-każ ta' meta qabbadna l-Chev. Paul Camilleri Cauchi biex jagħmlilna l-pittura tal-Konvoj, u ħariġna ta' rġiel, bl-istess kriterju mxejna rigward l-għażla tad-disinjatur għall-planċier. Mill-informazzjoni li kellna dwaru, kif ukoll minn xogħolu, kulħadd

*....ikompli f'paġna 63*

## Thinking of JABLO (expanded polystyrene) for:

- ROOF INSULATION (KONTRABEJT)
- COLD STORE INSULATION
- PRE-FABRICATED COLD ROOMS
- AIRCONDITIONING DUCTWORK INSULATION
- SPECIALISED SHAPES FOR IN SITE CONCRETE FORMS
- SOFFIT CEILINGS

**AND A MYRIAD OTHER USES?**

**Then consult the experts in the field with the longest and most experience:**

**MR. JULIAN CAMILLERI**
**ATC PLASTICS LIMITED**
**30, INDUSTRIAL ESTATE, LUQA**
**TELEPHONE: 244243 FAX: 666892**



# FOR ALL YOUR PHOTOGRAPHIC NEEDS

ARIANE
PHOTOGRAPHIC

developing and printing - instant passport photos - studio photos
Bookings for all occasions
Films - batteries - cameras - binoculars - flashes - radios -
audio and video cassettes - calculators - albums - frames - soft toys
Invitations and Souvenirs for all occasions

***Triq Karmenu Ċiantar - Mqabba - Tel: 689785***

jammetti li morna fuq l-aħjar fost id-disinjaturi ta' xogħol simili li hawn ġo pajjiżna. Wara li f'Settembu li għadda, il-kumitat iddeċieda li ngħatu bidu għal din il-fażi tal-proġett, l-għażla awtomatikament waqgħet fuqu u morna nkellmuh. Domna xhur sħaħ ġejjin u sejrin fl-istudju tiegħu, niflu u niddiskutut pjanta wara l-oħra, u infittxu flimkien l-aħjar soluzzjoni biex nutilizzaw l-ispazju limitat li għandna fil-pjazza quddiem il-każin. Tifhmu li l-ispazju minn dejjem kien ta' uġiegħ ta' ras għalina iżda nasssigurakom li l-pjanta finali, minn barra l-oriġinalita' tagħha, ser tutilizza l-ispazju eżistenti bl-aktar mod effettiv u intelliġenti. Sadanitant saret is-seduta ġenerali annwali li approvat unanimament it-twettieq ta' din l-opra hekk ambizjuża, u b'fiduċja kbira x-xogħol tħalla f'idejn il-kumitat eżekuttiv, li minn naħa tiegħu ħatar kummissjoni apposta b'dan il-għan. Rigward il-pjanta, kull ma nista' ngħid hu li saret wara *survey* dettaljat u twil tal-pjazza quddiem il-każin, u maħsuba li barra milli toħroġ xogħol mill-aktar artistiku fl-injam, etc., tutilizza l-potenzjal kollu tal-banda fir-rigward ta' akustika u parametri oħra marbuta mat-teorija ta' kif jinbena palk professjonali.

Nhar it-Tlieta, 1 ta' Ġunju 1993, imxejna pass ieħor il-quddiem meta saret laqgħa l-każin bejn id-disinjatur u l-membri/partitarji kollha nteressati li jgħinu f'dan ix-xogħol. Is-sur Caruana spjega fid-dettal kif hu, flimkien mall-kumitat wasal għall-pjanta finali, li esebixxa waqt l-istess laqgħa. B'entużjażmu kbir, ħafna minn dawk preżenti offrew l-għajnuna manwali tagħhom u bqajna li jinxtara l-materjal ħalli mill-aktar fis possibli, jinbeda x-xogħol.

Naħseb illi mistoqsija oħra li nistħajjilkom tistaqsu huwa kif għadni ma semmejt xejn rigward finanzi. Nassigurakom li fuq dan ukoll ħdimna ħafna: waqqafna skema ta' ġbir kif ukoll għandna l-*backing* assolut tal-benefatturi ġenerużi u kbar tagħna. B'daqshekk ma jfissirx li ġbarnieh, altru minn hekk! Għaldaqstant nieħu din l-opportunita' biex infakkar lil dawk li għadhom ma ħarġux sehemhom biex iħossu dan il-bżonn u javviċinawna bl-offerta finanzjarja tagħhom. Għandna bżonn eluf ta' liri biex dan il-proġett narawh komplut iżda jekk il-passat huwa mera tal-futur, dan għandu jkun għalina l-aħħar ħaġa li tinkwetana għaliex kull meta kien hemm il-bżonn, kulħadd ħareġ sehmu.

Rigward iż-żmien sabiex jitlesta, jekk Alla jrid u kollox jibqa' miexi bir-ritmu maħsub, inżanżnuh għall-festa 1996, propju f'għeluq il-50 sena mill-ġrajja li biha ftaħt dan l-artiklu. Għalhekk l-appuntament tagħna lkoll huwa għal dan il-ġublew tad-deheb tal-banda wisq għażiża għalina, bħala inkurunazzjoni tal-proġett li nbeda snin ilu u li tant aħna u ta' qabilna ilna naħdmu għalih u noħolmuh: ***Il-Banda tas-Soċjeta' ddoqq fuq il-Planċier Artistiku tagħha.*** Dan waħdu għandu jkun ta' inċentiv għalina lkoll biex il-bandist tal-post nagħtuh l-importanza li tistħoqlu ġo soċjeta' mużikali u b'hekk jibqa' dak l-interess mużikali mis-soċji li jsarraf f'numru dejjem jikber ta' dawn l-istess bandisti.

***Ġino Farruġia***
***Bandist.***

**KOMPLI ĠEDDED IL-ĦAJJA**

**TAL-BANDA RE ĠORĠ V**

**BILLI TĦAJJAR U TIBGĦAT L-ULIEDEK JITGĦALLMU L-MUŻIKA.**

Book early for

*Weddings, Baptisms, Parties etc.*

AT

# BARON CONFECTIONERY

Żurrieq Branch
Dun Ġużepp Zammit Street, Żurrieq
Tel: 826819

**INDURATURI !!**

**Għall-materjal tal-induratura irrikorru għand:-**

E.T HEUMA _Co. LTD.

**E. THEUMA & Co. Ltd.**
**THEUMA HOUSE, 302, St. Paul Str., Valletta**
**Tel: 234075/236605 Telefax: 244201**

M.CAUCHI

General Ironmongery

- We Stock Plumbing & Electrical Goods
- Cement & Asbestos Fittings
- General Carpentry Goods
- Oil and Water based paints
- Cutting of Keys

199, New Street - Luqa,

# LIL OMMNA MARIJA

O ħelwa Ommna Marija,
Int qiegħedna taħt il-kenn tiegħek,
U kemm nixtieq li xi darba,
Niltaqa' l-ġenna miegħek.

Ferħ kbir, sinċier inti tqanqal,
Fil-qlub tagħna lkoll Imqabbin,
Tul il-jiem tal-festa tiegħek,
Kollha nifirħu magħqudin.

Qiegħed nikteb dal-ħsieb umli,
Ħsieb ġenwin mingħajr xejn ħażin,
Għax kull festa li issierlek,
Kif jixraq tkun ta' kull każin.

'Tina Int dejjem is-saħħa,
W'kattar fina dik l-imħabba,
Liema mħabba trid twassalna,
Għall-paċi ġewwa l-Imqabba.

*Carmen Briffa.*

**REWAEL MARBLES**
**Granite and Resin Works**
**Tel: 685760**
**Stairs - Facades - Kitchen Cupboards**
**Tops - Pavements - Monuments etc.**
*Workshop:*
Josmir Garage
Valletta Road,
Mqabba.

## FRIDA TRANSPORT SERVICE

By
Joseph Grech & Sons
Tel: 827860

Għal kull xorta ta' transport

Irrikkorru

"Frida House"
42, St. Basil Street,
Imqabba

## ABELA BROS. GARAGE

DIESEL AND PETROL
MECHANIC
SPECIALISE ON
FORD, MAZDA & TRANSIT
*ABELA BROS.GARAGE*
TRIQ IT-TIN
QORMI,
TEL: 491579

## DRAGON FORCE

**Joseph Aquilina**
Designer & Decorator – Iron Works
98, Crafts Village, Ta' Qali, Tel: 430962 - 415200
**Manufacturers of:**
- All types of Iron Works
- Sheet Metal Works
- Wrought Iron Furniture
- Catering Equipment
- Art Metal in Brass, Copper and Metal
- All kinds of Hand Made Souvenirs
- Airconditioning Works
- Stainless Steel





Best Craftsmanship – Quick Service



## CARMEL VELLA

Labour Ave. Naxxar
Tel: 412469
412061



*Asphalting*
*Ready Mix Concrete*
*Bricks - Sand - Torba*

# KWADRU QADIM TA' L-INKORUNAZZJONI TAL-MADONNA

**Keith Sciberras**

Il-kwadru ta' *l-Inkorunazzjoni tal-Madonna*, titular ta' l-altar ta' San Ġużepp magħruf fis-seklu sbatax bħala l-altar ta' l-Assunta - huwa l-eqdem fost id-disa' kwadri titulari fil-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba. L-ewwel referenza għal dan il-kwadru teħodna lura sa nofs is-seklu sbatax meta ġie iddeskrivit bħala *icona recens eleganti picturae* - pittura reċenti impittra tassew tajjeb - fil-Viżta Pastorali li l-Isqof Meguel Juan Balageur de Camarassa għamel fl-Imqabba fl-1658.

F'dan il-perjodu il-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba ma kientix dik li għandna illum iżda kienet knisja ferm iżgħar bis-saqaf jistrieħ fuq arkati, b'korsija prinċipali u kappelluni. Din il-knisja, iddedikata lil Santa Marija, imbniet billi tgħaqqdu żewġ knejjes iżgħar għall-ħabta tal-1607 u żdiedet b'korsija xi żmien qabel l-1636. L-ewwel referenza għal din il-knisja hija mill-arkivju parrokkjali ta' l-Imqabba stess meta fil-*Liber Primus Parrochialis Sacramentorum* il-kappillan Dun Pietru Paċe niżżel il-mewt ta' Gioanella Camilleri *sepulta...nella parrochiale chiesa di S. Maria della Micabba.* Din ir-referenza ġġib id-data ta' l-ewwel t'Ottubru 1607. Ta' min isemmi li bejn il-1598 - meta l-Imqabba saret parroċċa - u l-1607 il-knisja parrokkjali tar-raħal kienet dik ta' San Bażilju. Il-knisja parrokkjali il-qadima ta' Santa Marija twaqqgħet għall-aħħar tas-seklu sbatax meta nbniet madwara il-knisja preżenti.

Ta' min jonnota illi ż-żewġ knejjes żgħar li tgħaqqdu fl-1607 kienu ddedikati lil Santa Marija u lill-Lunzjata. Dawn żammew l-istess dedikazzjoni fuq l-altari tal-kappelluni fil-knisja parrokkjali l-qadima. Għalhekk id-dedikazzjoni ta' l-altar li naraw illum ġiet trasmessa minn fuq tlett knejjes - jiġifieri, il-knisja ż-żgħira dedikata lill-Assunta, il-knisja parrokkjali il-qadima, u l-knisja preżenti. Minn naħa l-oħra, il-kwadru l-qadim li tbiddel ma' dak li naraw illum xi żmien qabel l-1658 kien jirrappreżenta lill-Assunta biss u ma jidhirx li kien jinkludi l-figura ta' San Ġużepp.

Mis-seba' kwadri titulari li kellha l-knisja l-qadima, huwa biss dak tal-*Inkorunazzjoni tal-Madonna* li żamm postu fuq altar fil-knisja preżenti. Tlett kwadri oħra, li kienu f'din il-knisja u li jirrappreżentaw lill-*Viżitazzjoni, il-Lunzjata, u l-Ispirtu s-Santu* jinsabu fil-kmamar ta' ġewwa l-knisja. Il-kwadru ta' l-Ispirtu s-Santu għandu iskrizzjoni li taqra *VOTUM FECIT GRATIAM ACCEPIT 1637*, waqt li ż-żewġ kwadri l-oħra ġew impittra fl-istess perjodu. Kwadru sabiħ li jirrappreżenta lill-*Immakulata Kunċizzjoni* niddataħ għaż-żmien ta' transizzjoni bejn il-knisja l-qadima u l-bini tal-knisja l-ġdida madwara, wisq probabli meta din tlestiet. L-oħrajn intilfu maż-żmien.

Il-kwadru tal-*Inkorunazzjoni* jirrappreżenta lill-Verġni Mqaddsa li, f'post ċentrali, toqgħod għarkuptejha u taqsam idejha fuq sidirha b'sinjal ta' qima u reverenza waqt li, f'pożizzjoni naqra iktar għolja, Kristu u l-Missier Etern joqogħdu bilqegħda u flimkien jaqbdu il-kuruna biex ipoġġuha fuq rasha. Huma merfugħin fuq bank ċentrali ta' sħab li jiftħu l-ġenna f'dija ċentrali ta' kulur safrani u jifirdu l-ħajja divina minn dak li hu tad-dinja. Irjus ta' anġli joħorġu minn ġo l-isħab biex jakkumpanjaw lill-Madonna fit-tlugħ is-sema. Kristu jżomm madwaru bandlora ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann.



**Il-Kwadru ta' l-Inkorunazzjoni tal-Madonna fl-Istat preżenti.**

Fuq in-naħa t'isfel tal-kwadru San Ġużepp u Santa Katarina ta' Lixandra jżommu s-simboli tagħhom, iżolati f'xena ta' pajsaġġ rurali kwiet u limpidu. Flimkien mal-Madonna huma jiffurmaw kompożizzjoni piramidali riġida li terġa' tintuża mill-artist fuq in-naħa ta' fuq tal-kwadru, biex b'hekk joħloq bilanċ strutturali. L-organiżżazjoni simettrika ma tippermettix dinamiżmu.

Grupp ta' erwieħ imdawwrin b'ilsien tan-nar jitolbu lill-Verġni Mqaddsa għas-Salvazzjoni. Medjokri u batuti fid-disinn huma joħolqu element viżwali li xi ftit itellef l-aspett pittoriku tal-kwadru.

Ikonografikament f'idjoma Manjerista - li għal dan il-perjodu kienet xi ftit surpassata - il-kwadru huwa ma' dana kollu xogħol interessanti ta' artist Malti li qiegħed jaħdem fi tradizzjoni pittorika popolarizzata f'Malta minn Filippo Paladini (c. 1644-1616). Il-prejokkupazzjoni għall-kuluri brillanti u ċari u għall-atmosfera trassparenti hija indikattiva tal-konservazzjoni ta' l-artist li huwa maqtugħ mix-xena ta' l-arti kontemporanja u ma juri l-ebda tagħrif tax-xogħol ta' Caravaggio u l-Barokk. Il-kwadru, iżda, m'għandux jiġi diżmiss bħala minifestazzjoni ta' arti vernakulari iżda għandu jiġi kkonsidrat bħala eżempju interessanti ta' l-iżvillupp ta' l-arti f'Malta fis-seklu sbatax. Dan il-kwadru kien wisq probabbli l-aħjar li r-raħal kellu f'nofs is-seklu sbatax.

Il-kwadru jinsab fi stat ħażin ħafna. Iż-żebgħa qegħda tinbeżaq u fil-parti t'isfel jidhru ċar spażji kbar tat-tila, waqt li strati ta' trab, ħmieġ, u titjir tax-xema diffnu t-trassparenza tal-kulur. Intervent ta' restawr xjentifiku huwa meħtieġ immedjatament. Ħasra li hemm numru kbir ta' kwadri fil-knisja ta' l-Imqabba li għandhom l-istess bżonn ta' restawr immedjat. Wisq nibża' li apprezament tal-kultura storika u artistika tar-raħal m'hiex tingħata l-importanza dovuta.

* *Din il-kitba hija meħuda minn studju li l-awtur għamel fuq il-knejjes parrokkjali ta' l-Imqabba u li għandu jiġi ppublikat fil-futur immedjat. Ir-referenzi ddettaljati għall-manuskritti oriġinali m'humiex inklużi f'dan l-artiklu minħabba nuqqas ta' spazju.*

# IL-KNEJJES PARROKKJALI U L-FESTI TAGĦHOM

**ERBA' VOLUMI TA' TAGĦRIF DWAR IL-FESTI MALTIN EDITUR: MICHAEL SCHIAVONE; PUBBLIKAZZJONI PIN MINGĦAND IL-LIBRARA EWLENIN (Prezz Lm5 Kull volum)**

## REĊENSJONI TA' JOHN ŻAMMIT.

Dan ix-xahar qed ikun ippublikat it-tieni volum minn erba' tal-ġabra ta' tagħrif dwar il-festi parrokkjali ta' Malta u Għawdex imsejħa "Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi tagħhom". L-ewwel volum diġa' kien ippublikat, u t-tielet u r-raba' volum għandhom joħorġu s-sena d-dieħla. Dawn l-erba' volumi se jiġbru fihom 78 festa parrokkjali, 63 f'Malta u 15 f'Għawdex.

Mill-ewwel sat-tielet volum jiġbru fihom lill-festi f'ordni alfabetika skond l-isem tar-raħal: l-ewwel volum fih minn Ħ'Attard sa l-Isla, it-tieni wieħed mill-Kalkara sa Raħal Ġdid, it-tielet volum minn Ħal -Safi saż-Żurrieq filwaqt li r-raba' wieħed jiġbor il-festi t'Għawdex. Għalhekk it-tagħrif dwar l-Imqabba qiegħed fit-tieni volum li qed ikun ippublikat propju f'Awissu.

Din il-pubblikazzjoni hi xogħol ta' Michael Schiavone. Hu tħajjar jiġbor dan it-tagħrif wara li fl-1992 kien ippublika ġabra oħra dwar il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Din il-pubblikazzjoni kienet suċċess immedjat u wriet li hawn għatx għal tagħrif dwar dawn it-tradizzjonijiet qodma Maltin li dejjem qed jikbru.

S'issa għad ma teżistix kollezzjoni sħiħa dwar il-festi parrokkjali, għalkemm ħafna parroċċi ħarġu tagħrif dwar il-festi jew il-knejjes tagħhom. Iżda dan it-tagħrif hu ħafna drabi għall-konsum lokali fir-raħal stess, u Michael Schiavone ħass il-bżonn li t-tagħrif dwar kull parroċċa jixtered 'il barra mil-limiti tal-parroċċa partikolari.

Is-suċċess tal-ġabra dwar il-Ġimgħa l-Kbira wera li anki din il-ġabra dwar il-festi parrokkjali se jkollha suċċess. L-ewwel volum diġa' kellu domanda qawwija, l-iktar minn nies li jridu tagħrif dwar parroċċi oħrajn barra tagħhom. Il-ktieb jistiednek taqra anki billi hu ppreżentat u stampat tajjeb b'ritratti tal-knejjes, il-pitturi u l-istatwi tal-festi parrokkjali.

L-ewwel volum fih introduzzjoni tal-livel li tistenna minn Patri Alexander Bonniċi. Kull taqsima dwar kull raħal fiha tagħrif dwar l-oriġini tar-raħal, kif bdew l-ewwel purċissjonijet u l-ewwel festi, tagħrif dwar il-festa titulari u l-istatwa tagħha, tagħrif dwar festi oħrajn sekondarji, u wkoll tagħrif dwar ċerti drawwiet partikolari f'xi rħula.

It-tagħrif dwar kull festa ingabar minn xi ħadd fir-raħal, ħafna minnhom saċerdoti jew anki kappillani. It-tagħrif dwar l-Imqabba inġabar minn Patri Karm Żammit.

It-taqsima dwar l-Imqabba fiha informazzjoni dwar l-isem ta' l-Imqabba, u l-istorja ta' l-ewwel żminijiet ta' l-Imqabba u l-bini ewlieni tar-raħal. Fiha informazzjoni wkoll dwar kif l-Imqabba saret parroċċa f'Novembru ta' l-1598, u dwar il-Knisja Parrokkjali.

Dwar il-festa parrokkjali tat-Tlugħ ta' Marija fis-Sema, it-taqsima dwar l-Imqabba tgħid li din kienet iċċelebrata minn qabel ma l-Imqabba saret parroċċa. L-istatwa tat-titular saret fl-1836 minn Mastru Alessandru Farruġia. L-Imqabbin ta' dak iż-żmien għażlu li l-l-istatwa tat-titular tagħhom tkun tixbaħ lil dik ta' Ħal Għaxaq u x-xogħol fuq l-istatwa ġie jiswa' 250 skud, barra 40 skud oħra biex inxtara l-injam mit-tarzna. L-istatwa titulari waslet l-Imqabba lejlet Santa Marija ta' l-1836 fost il-briju tal-parruċċani.

Fit-taqsima dwar l-Imqabba hemm ukoll informazzjoni dwar il-bradella u l-pedestall tal-fidda li kienu nħadmu fl-1928. Il-Pedestall tal-fidda inħadem fl-Italja mid-ditta *Antonio Ghezzi e Figli* ta' Milan, filwaqt li l-figuri tat-tnax-il-appostlu li jdawwru l-bradella inħadmu l-Awstrija.

L-informazzjoni dwar il-Każini tgħid li l-ewwel Każin b'isem Santa Marija twaqqaf fl-1905 u kien f'numru 108, Triq il-Parroċċa. Dan il-Każin bidel ismu għal "King Goerge V" fl-1910 għall-okkażjoni ta' l-inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ Ħamsa.

Publikazzjonijiet bħal "Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom" jagħtu informazzjoni siewja u fil-qosor mhux biss dwar ir-raħal tagħna iżda wkoll dwar irħula oħrajn u l-festi parrokkjali tagħhom - festi li dejjem qed iżidu fil-popolarita' u li huma element importanti fil-ħajja parrokkjali u soċjali.

## SILTIET MIT-TAGĦRIF DWAR L-IMQABBA F'"IL-KNEJJES PARROKKJALI U L-FESTI TAGĦHOM"

"L-Isqof Tommaso Gargallo fl-1592 iddeċieda li l-Knejjes ta' l-Imqabba, Ħal Kirkop u Ħal Safi ineħħihom mill-Parroċċa ta' Bir Miftuħ...f'Novembru 1598 għamel l-Imqabba parroċċa għaliha taħt it-titlu ta' l-Assunzjoni ta' Marija Verġni".

"Hemm min jgħid li l-isem "Imqabba" ġej minn "qabb" li tfisser "taqta' l-ġebel", u n-nom Imqabba li jfisser "barriera".

"Il-Knisja ġiet ikkonsagrata b'ċerimonja solenni minn Mons. Giovanni Pellerano fl-20 ta' Mejju 1774".




